

TIELGĦA Ş-SEMA!
WIĊĊHA JIDDI
BĦAŻ-ŻERNIQ
TA' JUM SABIĦ
DAWL IX-XEMX
IL-LIBSA TAGĦHA
FUQ IS-SĦAB
B'SIEQHA TISTRIEĦ.

DUN KARM PSAILA

SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V - MQABBA
1992

# ELBROS CONSTRUCTION LTD.

BUILDING & CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS

**Tar-Robba, l/o Kirkop – Malta**

**TEL: 249999 (6 LINES) — Fax: (00356) 685075**







**MAĦRUĠ MIS-SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V**
**"PALAZZ SANTA MARIJA", PJAZZA TAL-PARROĊĊA,**
**MQABBA.**

**FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI SPEĊJALI F'GĦELUQ**
**IL-50 ANNIVERSARJU**
**MILL-ĠRAJJA STORIKA**
**TAL-"CONVOY" TA' SANTA MARIJA,**
**1942 - 1992**
**U GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TA'**
**L-IMQABBA, F'ĠIEĦ**
**SANTA MARIJA**
**PATRUNA TAR-RAĦAL**
**MIT-30 TA' LULJU SAT-22 T'AWISSU 1992.**

## WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| Programm tal-Festa | Pg. | 40/41 |
| Kumitat Eżekuttiv | | 3 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | | 5 |
| Il-Messaġġ tal-President | | 7 |
| Jikteb is-Segretarju | | 9 |
| Appell mill-Kaxxier | | 11 |
| Mill-Pinna tad-Direttur Spiritwali | | 13 |
| Ħamsin Sena ilu | | 14 |
| Inkomplu Nsebbħu l-każin | | 17 |
| Sett ta' Marċi mill-Banda Re Ġorġ V | | 21 |
| Mill-Ħajja tal-Banda | | 22 |
| Programm Strumentali 30/7/92 | | 24 |
| Tagħrif Ġenerali fuq is-Siltiet Mużikali | | 25 |
| Il-Kwadru tal-"Convoy" ta' Santa Marija fil-Każin | | 29 |
| Mikelanġ Sapiano - Imqabbi li għamel isem | | 31 |
| Mill-Pinna tal-Oliver Friġġieri | | 33 |
| Titkompla l-Ħidma fl-Armar | | 34 |
| Il-Festa ad unur ta' Mro. A. Camilleri | | 37 |
| Is-Soċjeta' tagħna u l-Familja Rjali | | 43 |
| Programm tal-Ħruq tan-Nar | | 44 |
| Gioacchino Rossini - Il-Kompożitur tas-Sena | | 47 |
| Il-15 t'Awissu, 1942 | | 51 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (1) "12th. May", Żebbuġ | | 53 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (2) "Aniċi", Qormi | | 55 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (3) "M.M. Gratiae", Żabbar | | 57 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (4) "Unjoni", Luqa | | 59 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (5) "Queen Victoria", Żurrieq | | 61 |
| Il-ġrajja qalbiena ta' "Ohio" | | 63 |
| Rendikont tal-Festa fil-Knisja, 1991 | | 67 |
| Il-"Convoy" | | 69 |
| Mill-Istorja tar-Raħal tagħna | | 70 |
| Servizzi tal-Banda Re Ġorġ v - 1992 | | 73 |
| Tifkiriet | | 74 |
| Iż-Żjara tar-"Red Arrows" f'Malta | | 77 |
| Filippo Venuti - Artist Taljan f'Malta | | 78 |
| Ringrazzjament | | 80 |



**RITRATT TAL-FAĊĊATA ĠENTILMENT MAĦDUM MIS-SUR ALFRED ŻAMMIT.**
**KWOTAZZJONI TAL-FAĊĊATA MEĦUDA MILL-"INNU LIL MARIJA TIELGĦA S-SEMA" TA' DUN KARM PSAILA, IL-POETA NAZZJONALI.**
**PROOF READING MIS-SUR ALFRED CAMILLERI.**
**ISSETTJAT U MITBUGĦ GĦAND BONNIĊI'S PRESS, 36 ST. PAUL STR., VALLETTA. TEL: 224607**

# JOHN & MICHAEL GHIGO
# TA' PATAW



## SOFT STONE QUARRY

## OLD VALLETTA ROAD
## MQABBA

## SPECIALISING IN LAYING OF BLOCKS




## TELEPHONE: 822811
## MOBILE: 0993311

# SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V MQABBA EST. 1910

**PRESIDENTI ONORARJI**
Onor. Dr. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P.
Mr. Joseph Farruġia
Mr. Leonard Farruġia

## KUMITAT EŻEKUTTIV 1992

**PRESIDENT**
Carmel Żahra

**VIĊI-PRESIDENT**
Twanny Camilleri, B. Mech. Eng. (Hons), A. Mus. L.S.M.

**SEGRETARJU**
Peter Psaila

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASS. SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**ASS. KAXXIER**
Raymond Camilleri B.Sc

**MEMBRI**
Teddy Baldacchino
Kevin Camilleri
Ġino Farruġia
Paul Gauċi
Adrian Żahra

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M.

**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri
Kevin Camilleri
Adrian Żahra

**RAPPREŻENTANT FIL-"BAND CLUBS ASSOCIATION"**
Carmel Briffa

**DELEGAT TAN-NAR**
Carmel Ellul

**REVIŻURI**
Mario Farruġia
Francis Vella

# KRISTIANNE SHOPPING COMPLEX

## – Gifts –
## – Boutique –
## – Baby Care –
## – Beauty Centre –

*Wedding Lists Accepted*

Pietru Pawl Saydon Street,
Żurrieq

Tel: 827391 - 683408

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



Is-sitwazzjoni fir-raħal għażiż tagħna ħamsin sena ilu kienet waħda iebsa u tal-biża'. L-għadu ma ħafirhiex lill-Imqabbin u żera' l-bombiqerrieda tiegħu fuq djarna u fuq niesna. Mhux familja u tnejn kellhom iħallu r-raħal biex isibu l-kenn x'imkien ieħor; mhux inqas minn 19-il-Imqabbi ħasdithilhom ħajjithom waqt l-attakki tal-għadu u mhux dar u tnejn iġġarfu, l-anqas il-Knisja għażiża tagħna ma' ħelsitha.

Dawk li huma ftit anzjani fir-raħal jiftakru sewwa dan iż-żmien kiefer; bħal ma' jiftakru wkoll b'liema ħeġġa u devozzjoni kienu jitolbu n-nies lill-Madonna biex tħarishom. Fil-fatt nistgħu ngħidu li l-fidi u d-devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima kienet ħafna iżjed qawwija milli tinsab fostna llum. It-talb, b'mod speċjali r-rużarju, ma kien jaqta' qatt minn fomm il-Maltin. Kull familja kienet issib ħin biex tinġabar u tgħid ir-rużarju flimkien. Huwa veru wkoll li l-fanatiżmu kien ħafna ikbar ukoll. Illum dan, għall-grazzja t'Alla naqas ħafna u f'ċertu sens qed nuru iktar sens ta' responsabbilta' u maturita' f'dik li hija mġieba lejn xulxin speċjalment fost il-ġenerazzjoni żgħażugħa.

Nibża pero', li d-devozzjoni u l-imħabba vera lejn il-Madonna naqset ħafna minn fostna. Il-konċentrazzjoni tagħna matul is-sena pjuttost tkun fuq ix-xogħol, id-dar u affarijiet oħra materjali b'mod u manjiera li m'għadniex insibu ħin għat-talb fil-ġurnata. Fil-festi, mbagħad, donnu jerġa' jqum ċertu entużjażmu. Imma, nibża' ngħid, li l-enfasi ta' dan l-entużjażmu iktar qiegħed mitfugħ fuq affarijiet materjali milli fuq il-preparazzjoni spiritwali tagħna nfusna li twassalna biex niċċelebraw il-vera festa lill-Madonna.

Jiena ċert li l-Madonna dan tkun qed tisten nieh minna. Tant hu hekk, li dan urietu ċar fl-imgħoddi u anki fi żminijietna kull fejn u kull meta jkun hemm talb ħerqan u ġenwin. Hija dejjem interċediet għalina. Eżempju minnhom hu l-'Convoy' ta' żmien il-gwerra li b'hekk ħa l-isem Ta' "Santa Marija". Għalhekk, jekk naħsbu biex niċċelebraw bil-kbir dis-sena l-festa ta' Santa Marija minħabba l-anniversarju ta' dal-ġrajjiet, ejjew naħsbu f'din il-linja wkoll. Ejjew nattendu bi ħġarna għall-priedki tat-Tridu. Ejjew inqaddsu dil-festa bil-quddies u t-tqarbin kull wieħed u waħda minna, bla eċċezzjoni ta' ħadd. Ejjew nippreparaw ruħna għall-festa bit-talb, speċjalment it-talba qawwija u rrakkomandata mill-Madonna stess - Ir-Rużarju.

Ejjew nuru li aħna wlied denji ta' Marija billi niftħu qalbna għal kulħadd, kif kienet tagħmel il-Madonna. Nifirħu ma' xulxin għax inħobbu u mhux biex ninku. Inkunu umli fil-ferħ tagħna billi ma' nesaġerawx. Imma fuq kollox inkunu ferħana għax qalbna tkun mimlija bl-imħabba vera lejn Alla u l-Madonna. Jekk nagħmlu dan, il-grazzji kbar li dejjem tefgħet il-Madonna fuq pajjiżna jibqgħu jinżlu fuq il-parroċċa u l-familji tagħna bl-abbundanza.

Il-festa t-tajba lil Kulħadd.

**Fr. Joe**

**Book early for**
**WEDDINGS, BAPTISIMS, PARTIES etc...**
**at BARON CONFECTIONERY**
**Żurrieq Branch**
**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**
**Tel: 826819**

# EAGLE BEAMS LTD.
# POLIDANO BROS. CO. LTD.
# CEMENT MIX CO. LTD.



**EXCAVATION**



**EARTH MOVING**



**ROCK RIPPING**




**TRANSPORT OF MATERIAL**



**CONCRETE**



**BRICKS**

ĦAL-FARRUĠ ROAD LIMITS OF LUQA.
Tel: 244520/244539/244241 Fax: 244200

# IL-MESSAĠĠ TAL-PRESIDENT



Għeżież Soċji u Partitarji,

Insellmilkom. Għaddiet sena oħra u reġa' mess lili, bħala President ta' din is-Soċjeta,' biex nidħol fi djarkom permezz ta' din il-pubblikazzjoni ferm mistennija minnkom u nintroduċi l-Festa hekk speċjali u tant għażiża għalina l-Imqabbin.

Inħossni ferm kburi meta niġi mitlub nagħmel dan il-messaġġ qasir tiegħi f'dan il-ktejjeb ta' tifkira tal-festa għar-raġuni li, kif tistgħu taraw b'għajnejkom stess, kull ma jmur, dejjem qed jikber in-numru ta' artikli b'tagħrif ġenerali u storiku u b'hekk inħoss li qed nagħtu l-kontribut edukattiv u xieraq tagħna lejn il-qarrejja kollha. Vera li s-solitu taqsimiet dwar il-każin, il-banda u l-festa ma nistgħux inħalluhom barra, iżda dawn ukoll qegħdin jiġu mwassla biex, fil-waqt li jagħtu stampa ċara ta' l-affarijiet u ċ-ċirkostanzi, ma jmorrux fl-estrem propagandistiku li lilna sinċerament ma jogħġobniex. Aħna f'dan nemmnu u nixtiequ li l-livell ta' serjeta' ta' din il-pubblikazzjoni annwali ma jonqosx bl-ebda mod u għal ebda raġuni.

Intant din is-sena għandna x-xorti li ser infakkru għeluq il-50 sena mill-ġrajja storika u mirakoluża tal-"Convoy" ta' Santa Marija. Għaddiet sena ferm impenjattiva għalina biex inkunu nistgħu niċċelebraw dan il-Ġublew tad-Deheb denjament. Il-kontribut ta' kull sezzjoni tas-Soċjeta' tagħna qatt ma kien daqshekk ġeneruż, u bir-raġun għax din is-sena hija speċjali għall-Maltin kollha, u s-Soċjeta' tagħna mhix eċċezjoni.

Fil-każin komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra billi bis-saħħa tal-Benefatturi aħwa Ellul (ta' Katrinu) sar pedestall ġdid għal taħt Santa Marija ta' fuq il-faċċata. Bl-għajnuna tagħhom u ta' ħafna benefatturi oħra, kif ukoll bis-sehem attiv u volontarju ta'uħud mis-soċji li meddew għonqhom għax-xogħol, sar kontrabejt ġdid tas-Sala l-prinċipali u inbidel it-taraġ komplut bil-granit ħadid u poġġaman. Fl-istess waqt, il-kumitat ħa ħsieb li jiġi mizbugħ il-każin minn fuq s'isfel. Iżda, bla dubbju ta' xejn, l-attrazzjoni prinċipali ta' din is-sena ser tkun il-pittura tal-"Convoy", li daħlu għaliha l-aħwa Michael u John Ghigo (Ta' Pataw), li ser tiġi inawgurata nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju mill-E.T. Dr. Ċensu Tabone , President ta' Malta. Diġa' kelli l-opportunita' li nirringrazzja lil dawn iż-żewġ familji benefattriċi individwalment iżda ma nistax ma nerġax nuri l-gratitudni tagħna lkoll għas-"support" kbir tagħhom. Grazzi wkoll lil kull min għen f'dan ix-xogħol.

Fejn tidħol il-festa, b'mod partikolari l-armar, tkompla x-xogħol fuq il-Pedestall tal-Papa Piju XII; hawnehekk, kompliet tinħass ferm l-għajnuna ta' benefattur ieħor tagħna, is-sur Joseph Farruġia, li mill-ġdid nerġa' nirringrazzjah. Nammira ħafna d-determinazzjoni u s-sagrifiċċji kbar li jwettaq il-grupp ta' żgħażagħ ta' l-armar, mgħejjunin minn nisa u xebbiet oħra, li barra milli ħadmu fuq dan il-pedestall, lestew 14-il bandalora għal Triq Karmenu Ċiantar, kif ukoll sett pavaljuni għal Triq San Bażilju. F'din il-festa speċjali kulħadd kien qed jistenna s-sehem akbar mid-dilettanti tan-nar, u nassigurakom li ħadd m'hu ser ikun iddiżapuntat għax ħejjew programm kif jixraq u kif jafu jagħmlu huma biss. Għal darb'oħra, grazzi 'l kulħadd.

Pedina mportanti ferm fil-ħajja tas-Soċjeta' tagħna hi l-banda, li wara s-sodisfazzjon mistħoqq għar-"recording" ta' sett marċi ġodda u ż-żewġ servizzi, wieħed f'Ħaż-Żebbuġ u l-ieħor fis-Siġġiewi, għandha sehem kbir fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' din is-sena. Fil-fatt, is-Surmast flimkien mall-bandisti tal-post ħejjew programm strumentali kif jixraq. Ta' dan, jien , nirringrazzjahom u ndur fuqkom ġenituri biex inħeġġiġkom tibqgħu tibgħatu 'l uliedkom jistudjaw il-mużika b'xejn, il-każin, għax għandna għalliema kompetenti ferm, dedikati u lesti jagħtu ħinhom u dak kollu li jafu lil uliedna.

Din is-sena, is-Soċjeta' tagħna kellha avveniment storiku ieħor: nhar id-29 ta' Mejju, il-Banda Re Ġorġ V kellha x-xorti u l-unur li tiġi ppreżentata lir-Reġina Eliżabetta II, waqt iż-żjara tagħha f'pajjiżna. Kienu mumenti li żgur, qatt ħadd minnha, m'hu ser jinsa.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nerġa' nirringrazzja lil kulħadd tas-sehem u l-koperazzjoni li qatt ma naqsu. Nistidinkom tieħdu sehem fl-attivitajiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li ħejjejna, basta b'dinjita u b'sens ta' responsabbilta'. Ma nħallux l-entużjażmu jiġri bina, anzi, kif dejjem għamilna, inġibu ruħna sew u ta' veri insara, ħalli nkunu ta' eżempju għal ħaddieħor. Mhux biss, iżda nħeġġeġ lil kulħadd sabiex nieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru l-knisja u nersqu lejn is-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ewkaristija. B'hekk biss nistgħu ngħidu li verament aħna kuntenti u ferħana, ħalli x-xogħol kollu li sar matul din is-sena ninkurunawh b'festa kbira kif tixraq lil Omnna Marija Mtellgħa s-Sema, protetriċi speċjali tal-poplu Malti.

Minn qalbi nixtiqilkom ilkoll il-festa t-tajba.

**Carmel Żahra**
**President**



FREDDIE'S ALUMINIUM WORKS

ŻURRIEQ ROAD
MQABBA

TELEPHONE: 683405



TUSE` MUSCAT

METAL WORKS
GATES



251, QORMI ROAD,
MARSA

TELEPHONE: 246635

# JIKTEB IS-SEGRETARJU



Għeżież Soċji u Partitarji,

Għat-tieni sena konsekuttiva, ġejt mitlub nagħmel dan il-messaġġ tiegħi bħala s-segretarju tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
Matul ix-xhur li għaddew, il-kumitat ħadem kemm felaħ biex il-Festa speċjali li ħejjejna tilħaq l-għan tagħha. Ix-xogħol kien maqsum prinċipalment fuq żewġ fronti: dak fil-każin u dak li jirrigwardja direttament il-festa. M'iniex ser noqgħod nidħol fid-dettal, għaliex tħejjew paġni esklussivi fuq dawn ix-xogħolijiet.
Ngħid biss illi dan il-Ġublew tad-Deheb ilu ħafna f'moħħna u għalhekk, il-preparamenti u l-kuntatti ilhom għaddejjin ix-xhur, biex ma ngħidx is-snin. Eżempju wieħed: meta tiftakar li ser ninawguraw pittura tal-magħruf u ferm imfittex Chev. Paul Camilleri Cauchi, wieħed mill-ewwel jintebaħ kemm dawn il-kuntatti ilhom għaddejjin, sempliċiment anki biex tibbukjah. Biss, ninsabu ferm kuntenti b'xogħlu u persważ li sew il-benefatturi aħwa John u Michael Ghigo, li nixtieq nerġa nirringrazzjhom talli ħallsu din l-opra, u sew intom ilkoll, żgur ser toħorġu sodisfatti.
Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li taw sehemhom u ġibdu ħabel wieħed mall-Kumitat ħalli l-ħafna xogħol ieħor fil-każin tlesta' fil-waqt.
Niġu issa għall-Festa. Ma baqagħlix kliem li bih nista' nfaħħar u nirringrazzja lill-Grupp tal-Armar, immexxija mis-sur Paul Gauċi, illi jien biss nista' ngħid kemm ħadmu u għamlu sagrifiċċji biex lestew: il-pedestal tal-Papa Piju XII, 14-il bandalora għal Triq Karmenu Ċiantar, sett pavaljuni għal Triq San Bażilju u ħafna irqaqat oħra. Grazzi kbir ukoll imur lis-sotto kumitat tan-nisa u xebbiet oħra li barra mill-ġbir u l-organiżazzjoni ta' attivitajiet soċjali, ħietu pezezz sħaħ ta' drapp u kważi kienu "full time" magħna. U xi ngħidu għall-Grupp tan-nar: dawn taw sehemhom bil-kbir għal din l-okkażjoni, biex l-ispettaklu, il-kwalita' u l-oriġinalita' ta' xogħolhom, karizmi li tant huma magħrufin għalihom, ma jonqsux speċjalment din is-sena.
Fl-aħħarnett, iżda mhux l-anqas, bħala segretarju ta' Soċjeta' Mużikali, ma nistax ma nsemmix li wara l-ħatra ta' Mro. Twanny Camilleri, il-banda kompliet ġejja 'l quddiem. Dan l-aktar kien dovut għall-fatt illi l-bandisti aktar ingħaqdu u ġibdu ħabel wieħed miegħu. Il-programm li pprepraw għalina din is-sena, kif ukoll l-erba' uċuħ ġodda li ser naraw idoqqu mal-banda tagħna, huma xhieda konkreta ta' dan.
Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja mill-ġdid lill-benefatturi kbar tas-Soċjeta' u lielkom ilkoll għall-appoġġ kontinwu biex stajna nwettqu l-programm tagħna. **Nixtieq nagħmel appell speċjali biex matul il-ġimgħa ta' baned, inġibu ruħna sew, kif jixraq, u kif dejjem għamilna**. Waqt il-laqgħa mal-Majesta' Tagħha r-Reġina Elizabetta II, bis-sinċerita kollha ħassejtni li qiegħed nirrappreżenta verament Soċjeta' Irjali u Prestiġġjuża f'kull sens, u dan grazzi għal missirijietna u għalikom ilkoll, illi dejjem għaraftu ġġibu quddiem għajnejkom, l-ewwel u qabel kollox, l-idejal li għalihom twaqqfet is-Soċjeta' tagħna bbażata fuq valuri morali sodi u bl-għajnuna u fiduċja sħiħa f'Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem

Nawgura l-festa t-tajba lil Kulħadd.

**Peter Psaila**
**Segretarju**


# ALFRED ZAMMIT
**PHOTOGRAPHER**
**For Weddings, Engagements, and all other occasions. Tel: 689385**



FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

FARELL VIDEO CENTRE

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396

# APPELL MILL-KAXXIER



Għall-grazzja t'Alla l-Festa tant mistennija ta' Santa Marija reġgħet waslet. F'dawn il-granet sbieħ il-komunita' ta' l-Imqabba tingħaqad flimkien u tfur bl-entużjażmu biex tiċċelebra l-festa titulari tal-patruna tagħna Marija Assunta. Festa li verament u kif jixraq tqanqal imħabba u devozzjoni kbira mill-poplu kollu ta' dan ir-raħal ċkejken.

Bħal fis-snin l-imgħoddija is-Soċjeta' tagħna ħadmet bla mistrieħ u b'serjeta kbira biex ikollna festa akbar mis-soltu. Dan għaliex din is-sena qegħdin infakkru wkoll egħluq il-ħamsin sena (1942-1992) mill-ġrajja storika tal -"Convoy" ta' Santa Marija, okkażjoni li tfakkarna fl-intervent mirakuluż ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Ix-xogħol fil-Każin kompla b'rittmu mgħaġġel. Sar kontra bejt ġdid, bdilna t-taraġ u għamilnieh tal-granit. Sar xogħol ta' l-invjar u s-Sala prinċipali ġiet miżbugħa mill-ġdid. Ser tiġi nnawgurata wkoll pittura kbira tal-"Convoy". Dan ix-xogħol sar u qiegħed isir bl-għajnuna tal-partitarji u benefatturi kbar tas-Soċjeta'.

Il-banda taħt it-treġija tas-Surmast għaqli Mro. Anthony Camilleri A. Mus. L.S.M. kompliet miexja fit-triq tal-progress u barra li sar "recording" ta' sett marċi ġodda, ħejjiet programm imżewwaq għal nhar it-30 ta' Lulju meta s-Soċjeta' ser tfakkar il-ġrajja tal-"Convoy".

Hemm ħafna oħrajn li jaħdmu matul is-sena kollha biex ikabbru dejjem iżjed l-atmosfera tal-Festa. U hawn nixtieq nirringrazzja lill-partitarji nisa li jieħdu ħsieb il-ġbir kif ukoll jagħmlu ħafna xogħol ta' ħjata, lil dawk li jaħdmu n-nar, li jqattgħu l-ħin liberu tagħhom biex jaħdmu dak il-kwalita' ta' nar sabiħ u mhux inqas lil grupp ta' żgħażagħ li jieħdu ħsieb l-armar.

Kif qegħdin taraw l-ispejjeż tal-Festa jikbru kull sena. Għalhekk nixtieq nagħmel appell lil kulħadd sabiex jibqa' jikkontribwixxi mill-aħjar li jista' ħalli l-festa ta' l-Assunta tibqa' dejjem tikber bħala festa tat-Titular. Id-donazzjonijiet ġenerużi tagħkom ma naqsu qatt u hekk nispera li jkunu din is-sena.

Fl-aħħar nixtieq nagħmel appell żgħir liż-żgħażagħ tagħna li jagħtuna s-"support" tagħhom matul is-sena kollha, imma l-aktar fil-jiem tal-festa, biex ikunu prudenti u ta' eżempju. **Hemm bżonn nifhmu li l-Festa tiġi biex infaħħru lil Santa Marija, biex nifirħu u nferrħu mingħajr ma nniktu u ninsolentaw lil ħaddieħor.**

Nawgura l-FESTA T-TAJBA lil Imqabbin kollha.

Viva Marija Assunta.

**Carmel Briffa**
**Kaxxier.**


## COMBINED TRADES CENTRE

**TRIQ IS-SALJATURA**
**MQABBA**
**(wara il-Mentna)**

**Għal kull xorta ta' boldijiet, skorfini, kamini, vireg tal-welding, Taps u Dies, għodda ta' l-idejn u għodda ta' l-elletriku, charges u pompi ta' l-ilma.**

# FENECH PLANT HIRE LTD.





**Supplier of:**
Ready Mixed Concrete
and Franka Spalls
Crane Hire

**Contractor for:**
Excavation work
General Plant Contractor

GUDJA ROAD - GUDJA
TELEPHONE: 696559



# MQABBA RADIATORS

## TRIQ IS-SALJATURA
## MQABBA
## TELEPHONE: 685826

GĦAL TISWIJA U BEJGĦ

TA' KULL TIP TA' RADIATORS

XOGĦOL GARANTIT

MATERJAL TA' KWALITA'

PREZZIJIET MILL-IRĦAS




# MILL-PINNA TAD-DIRETTUR SPIRITWALI

## MARIJA DEJJEM TĦARISNA !



Il-fiduċja tradizzjonali tal-poplu tagħna fil-Madonna matul mijiet ta' snin hi parti sħiħa mill-patrimonju reliġjuż nazzjonali. Dan kollu twettqu xhieda qadima kif tidher minquxa fuq is-Santwarju tal-Mellieħa, l-iżjed antik fil-Gżejjer tagħna. Morru ftit sa hemm u taraw b'għajnejkom il-kliem tas-Salm: "Fik ittamaw missirijietna, ittamaw u inti ħlisthom." Xhieda oħra sabiħa eqreb lejna ssibuha minquxa fuq irħama fil-Belt, fil-Barrakka ta' Fuq, li tħares fuq il-Port il-Kbir: hawn f'Awissu 1942, sewwa sew 50 sena ilu, daħal il -famuż konvoy ta' "Santa Marija" li taffa l-eqqel assedju li Malta qatt ġarrbet matul ġrajjietha!
Kemm għandna raġun infakkru ġrajjiet storiċi bħal dawn illi għexuhom l-anzjani tagħna! Imma aktar minn dan hu importanti li nżommu ħajja fina u f'uliedna l-fiduċja sħiħa f'Marija, Omm Ġesu' u Omm Alla. Din il-fiduċja hi l-konsegwenza li toħroġ spontanja mill-eqdem talba li ngħidu sikwit: "Sliem għalik, Marija." Mhux lilha ngħidu" itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna?" Naħsbu ftit fuq dal-kliem sabiħ...Ma għandniex tas-sew bżonn ta' "avukata" bħal din sabiex tidħol għalina quddiem Alla f'kull mument ta' ħajjitna. Aktar u aktar fil-punt tal-mewt ta' kull wieħed u waħda minna? Ftakru ftit fil-għeżież tagħna, u f'nies oħra li nafuhom, li ħallew dan il-wied tad-dmugħ mis-sena l-oħra 'l hawn...

Iżda l-fiduċja tagħna f'Marija ma nuruhiex biss bil-kliem u bit-talb...Jeħtiġilna nuruha wkoll bil-fatti, bil-mod kif aħna ngħixu, ilkoll kemm aħna, kbar u żgħar, nisa u rġiel...kull wieħed u waħda minna! Il-Madonna, bħall-Mulej Alla, ma tridniex nonorawha bil-kliem biss, waqt li qalbna tinsab imbiegħda minnhom! Marija tinsab dejjem lesta biex tħarisna, tagħmel il-parti tagħha, imma min-naħa tagħna, kull wieħed/waħda minna, ikollna nagħmlu l-parti tagħna. Bla skużi...ta' xejn! Marija taf sewwa kemm aħna lkoll dgħajfin, imma rridu nduru lejha bla mistħija, bl-akbar fiduċja, bħal ulied lejn ommhom...

Ma nħallux din il-Festa ta' Santa Marija, imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem bħal Binha Ġesu', tgħaddi darb'oħra minn fuqna, fuq il-familji tagħna, fuq ir-raħal tagħna, bla ma tħalli effett f'qalbna u f'ruħna stess. Marija qiegħda tistenniena, turina t-triq lejn Ġesu' Binha u hija dejjem lesta biex tagħtina idejha u twasslilna l-għajnuna setgħana tagħha...

**J.M. Ghigo S.J.**


**JAMES GREEN**

**Funeral Service**

IRRIKORRU:

'GREEN HOUSE' ST. CATHERINE STR., QRENDI Tel: 827791

# HAMSIN SENA ILU
## Kitba tas-Sur Alfred Camilleri



Nhar il-15 ta' Awissu 1945, Ġużè Ellul Mercer (1897-1961), kittieb magħruf Malti, għamel il-kelmtejn ta' qabel għall-ktieb "TAĦT IN-NAR" (Id-djarju tiegħu tat-Tieni Gwerra Dinjija), u fost ħafna affarijiet oħra, kiteb: "Tarġa': għad li l-art tagħna fiha xiber fid-daqs, il-ħbit tal-bombi kien ħarbatha hekk bl-ikrah li l-biċċa l-kbira fostna, f'xi żmien, kienu maqtugħin għal kollox mill-bqija li ma kinux igħixu fir-raħal jew fil-belt tagħhom." (1)

Meta naqra kliem bħal dan, inħoss li jkun xieraq jekk qabel xejn, f'din il-kitba tiegħi dwar l-avveniment ta' nhar il-15 ta' Awissu 1942 u xi tifkiriet tat-Tieni Gwerra Dinjija, inpinġi stampa ċara ta' l-istat li fih kienu jinsabu l-Maltin f'dan iż-żmien. Bejn l-1939 u l-1945, id-dinja kollha kienet qiegħda tgħum f'baħar ta' nirien, bil-ġuħ mifrux ma' kullimkien u b'bombi Taljani u Ġermaniżi, nieżlin lejl u nhar. Għandu raġun, Ġużè Ellul Mercer, fil-kelmtejn ta' qabel ikompli jikteb: "Lil dawk, fost il-qalbiena li tfarrku u nqerdu bil-balal Taljani u Ġermaniżi, inqimu t-tifkira u j'Alla isimhom ma jintesa qatt." (2) F'dan iż-żmien , it-tlablib fuq kostituzzjoni aktar ħielsa minn dawk ta' l-1864 u l-1921 kellu jieqaf għax issa, il-ġlieda tal-Maltin kienet waħda sabiex ma jinqerdux. Il-kotra Maltija neħħiet minn moħħha l-idejat tal-ħelsien mill-ħakma Ingliża u għall-kuntrarju kienet tifraħ ma' xi vittorja li kienu jagħmlu l-Ingliżi, li magħhom konna qegħdin nissieltu kontra l-Faxxiżmu u n-Nażiżimu, spalla ma' spalla. Nistgħu ngħidu li f'dan iż-żmien, il-ġid kien f'idejn dawk li kellhom affarijiet ta' għejxien x'ibiegħu, l-aktar il-bdiewa. Għalkemm saru regoli qawwijin fuq il-"black market" biex ma jiżviluppax, kollox baqa' kif kien u min seta' jagħmel il-ġid, anke' bl-ingann, seta' jagħmlu bil-miftuħ. Biżżejjed ngħidu li f'dawn iż-żminijiet, bajda kienet tinbiegħ 12p! (3).

Fil-bidu tas-sena 1942, il-ġuħ beda jagħfas sewwa u ikel għall-popolazzjoni, ftit li xejn kien għad fadal. Suldat li kien qiegħed jagħti s-servizz militari, kellu jingħata 4000 kalorija, iżda f'Malta, qajla kien jingħata n-nofs! (4) Wieħed jibqa' tassew mistagħġeb meta jfittex u jsib li ħaddiem Malti kien jingħata 1,609 kaloriji, filwaqt li l-mara kienet tieħu biss 1,500 kalorija (5). Tant għafas il-ġuħ li f'Mejju tal-1942, saru l-"VICTORY KITCHENS". Il-gżejjer ma baqgħux iżjed magħrufa għal ħafna merħliet kbar ta' mogħoż għax ħafna kienu qegħdin jinqatlu għall-ikel!

Santa Marija riedet li l-poplu Malti ma jmutx bil-ġuħ u għalhekk f'Awissu 1942, kellhom jaslu ħafna vapuri bl-ikel u l-bżonnijiet. Dawn il-vapuri raw ħafna diffikultajiet tul il-vjaġġ tagħhom, bejn minħabba l-attakki mill-ajru u bejn ukoll minħabba l-attaki ta' l-"E-BOATS". Dawn kienu dgħajjes bil-bomba fuq quddiem u bil-pilota fuq wara (6). Xogħolhom kien li jfarrku l-vapuri li jkunu riesqa. Kien ħafna drabi meta dawn l-atakki ma rnexxewx. Nista' nsemmi żewġ okkażjonijiet: waħda nhar is-26 ta' Lulju 1941 li hija mfakkra b'poeżija minn Dun Karm Psaila li ġġib l-isem ta' "E-BOATS":

**"Sbatax-il waħda ġew, sbatax-il waħda,**
**sabu qabarhom fuq ix-xtut tal-gzira;**
**Anqas waħda ma reġgħet lejn pajjiżha**
**Biex tgħid il-għajb ta' din it-telfa kbira." (7)**

L-oħra hija propju dik tal-15 ta' Awissu 1942, meta wieħed mill-"Convoys" irnexxielu jidħol bi tbatija kbira fil-port u b'hekk salva l-ħajjiet ta' ħafna Maltin. Il-ġlied seta' jkompli sejjer, sakemm fl-1945, il-gwerra spiċċat b'umiljazzjoni kbira għan-Nażi. Sal-lum, dan il-vapur għadna nsejħulu l-"Convoy ta' Santa Marija" li serva ta' għajnuna biex il-ġieħ tal-"George Cross" li ngħata nhar il-15 ta' April 1942, ma jintilifx.

Għaldaqstant, kien pass għaqli min-naħa tal-Gvern Malti li wara x-xewqa ta' x'uħud mill-"George Cross Association" (imwaqqfa minn Fr. Fred Plenty - li kellu sehem sħiħ fil-miġja tal-"Convoy") kien iddeċieda li ssir qanpiena kbira u titpoġġa fil-barrakka t'isfel. Din il-qanpiena, fuq disinn ta' l-iskultur Michael Sandle għandha tindaqq f'diversi okkażjonijiet, fosthom il-15 ta' Awissu, meta l-knisja tkun qed tiċċelebra l-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, biex il-Maltin jiftakru fid-dħul tal-"Convoy" qawwi u sħiħ. Il-qanpiena għandha fuqha l-figura tal-Madonna bl-anġli mdawwrin magħha, flimkien ma' l-arma ta' l-Assoċjazzjoni msemmija aktar 'il fuq. Il-kitba fuqha hija din; "ONUMBRASTI SUPER CAPUT IN DIE BELLI - MCMXL - MCMXLIII"; din il-frażi hija meħuda minn salm 140 (v. 7) li jgħid: "Inti ħaristli rasi f'jum il-battalja - 1940 - 1943". Fuq il-qanpiena hemm ukoll din l-iskrizzjoni bil-Malti: "DIL-QANPIENA DDOQQ B'TIFKIRA TA' DAWK LI TAW ĦAJJITHOM TUL L-ASSEDJU TA' MALTA 1940 - 1943: IL-KTIEB TAT-TIFKIRA JINSAB FIL-MUŻEW NAZZJONALI TAL-GWERRA TAL-BELT VALLETTA." L-inawgurazzjoni ta' din il-qanpiena saret nhar id-29 ta' Mejju 1992, fil-preżenza tar-Reġina Elizabetta II (8).

**REFERENZI:**


1. Ara "Taħt in-Nar" ta' G. Ellul Mercer (It-Tielet Edizzjoni 1957) p. 5
2. Ibid - p.6
3. Ara "The story of Malta" ta' Brian Blouet (Ir-raba' edizzjoni: 1989 )p. 208
4. Ibid p. 208
5. Ibid p. 208
6. Lecture mogħti mis-Sur A. Vella (dip. tal-Malti) fil-Liċeo l-Ġdid ġewwa l-Imsida (11.2.1992)
7. DUN KARM PSAILA - Il-poeżiji Miġbura : Edizzjoni Kritika ta' Oliver Friġġieri - p. 212.
8. The Sunday Times - March 8th .1992 - p. 30, 31.



**DEHRA ĠENERALI WAQT L-INAWGURAZZJONI TAL-MONUMENT, NHAR IL-ĠIMGĦA, 29 TA' MEJJU, 1992**



**IL-QANPIENA TAGĦMEL L-EWWEL TOKKI ARMONJUŻI TAGĦHA.** *(Ritratti D.O.I)*

# GREENDALE LTD

**ANGELO ZAHRA**
**Managing Director**

**Registered Office:**
**'Angcar House',**
**Ganu Street,**
**B'Kara - Malta.**
**Tel: 442392 - 494745**
**Fax: 356 444566**

**OLYMPIC PRINTING PRESS**
**Offset Printing & Stationers**
**New Str Off/Mosta Rd,**
**Lija - Malta.**
**Tel: 415654**

# INKOMPLU NSEBBĦU L-KAŻIN



Il-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-parroċċa, jidher Ibierek l-armi, wara li ġew mikxufa.

## 10 ta' Awissu, 1991.

Grazzi għall-benefatturi kbar tas-Soċjeta' tagħna, **l-aħwa Ellul (ta' Katrinu)**, u permezz tal-majestrija taż-żagħżugħ, skultur, Żebbuġi s-sur Lawrence Attard, nhar l-10 ta' Awissu li għadda, inkitbet paġna importanti oħra fl-istorja tas-Soċjeta' tagħna; iż-żewġ armi tal-ġnub i. kien ilhom biex isiru s-snin sa fl-aħħar saru, u ntgħoġbu ferm minn kulħadd.

Intant, fil-każin kienet tirrenja atmosfera ta' festa, liema festa fetħet b'diskors mill-President tas-Soċjeta', is-Sur Carmel Żahra, indirizzat l-aktar bħala ringrazzjament lejn din il-familja u lejn benefattur kbir ieħor tagħna, is-Sur **Joseph Farruġia**, President Onorarju tas-Soċjeta' illi kkontibiwixxa u għen ħafna biex isir il-pedestall tal-Papa Piju XII. Fost il-ferħ u s-sodisfazzjon ta' dawk kollha preżenti, espress f'ċapċip akkumpanjat minn sparar ta' musketterija, l-armi ġew mikxufa u wara mbierka mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa. Aktar tard, il-festa tkompliet fis-Sala prinċipali tal-każin, fejn sew l-aħwa Ellul kif ukoll is-Sur Farruġia ippreżentaw uffiċjalment l-għotjiet finanzjarji rispettivi tagħhom. Il-President f'isem is-Soċjeta', wara li reġa rringrazzjahom, għaddielhom tifkira ċkejkna ta' l-okkażjoni. Kien ukoll il-mument illi fih jiġu rringrazzjati aktar benefatturi u ħabrieka oħra tas-Soċjeta': lis-Sur George Farruġia talli sponsorja t-"T-Shirts" tal-bandisti għall-marċ ta' fil-għodu, u lill-ħabrieka sinjuri Paul Mifsud u Paul Gauċi tas-sehem kbir li volontorjament taw sabiex itejjbu l-livell u jżidu l-armar tal-festa. Qabel inbeda r-riċeviment, il-President innifsu rregala lis-Soċjeta' sett ta' sitt "Portraits" ta' kompożituri magħrufa, maħduma bil-lapes mis-sur Keith Sciberras, wild partitarji tagħna, fil-waqt illi l-Fergħa tan-nisa ippreżentaw xi rigali oħra li tħallsu permezz ta' parti mill-profitti li kien baqa' mill-attivitajiet soċjali li organiżżaw.

## 30 ta' Lulju, 1992.

Ilna ħafna bil-ħsieb illi s-sala prinċipali tal-każin tkompli tiġi dekorata u msebbħa kif jixraq. Il-pittur famuż Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi kien ilu wkoll f'kuntatt magħna biex jagħmlilna xi opra għal din is-sala. U hekk hu din is-sena, f'egħluq il-50 anniversarju mill-ġrajja storika tal-"Convoy" ta' Santa Marija, kien xieraq ferm illi nżanżnu xi ħaġa għall-okkażjoni. Fil-lista tal-benefatturi kbar tas-Soċjeta' tagħna, żgur ser jibqa' mfakkar b'ittri tad-deheb l-isem ta' l-aħwa **John u Michael Ghigo** (ta' Pataw) illi offrew li jidħlu għall-ispejjeż kollha tal-pittura; ta' dan, il-kumitat eżekuttiv, f'isem is-soċjeta', jirringrazzjahom mill-qalb. Din ser tkun propju tirrapreżenta l-"Convoy" ta' Santa Marija, u ser titpoġġa f'wieħed miż-żewġ gwarniċi kbar tal-ġebla li jikkostitwixxu l-ħitan tal-ġenb ta' din is-sala. Fejn kienet ser titpoġġa l-pittura, kien jeħtieġ illi l-ħajt ikun lixx u miżbugħ b'żebgħa apposta; għaldaqstant, ġiet invjata s-sala ( u kif konna bit-trab, ġiet invjata t-tromba wkoll) u miżbugħa mill-ġdid.

Kien ilu wkoll jinħass il-bżonn sabiex jiġi ridekorat it-tarġ kif ukoll il-pjan li jwasslu għal din is-sala u għal dik tal-banda. Wara ħafna konsultazzjonijiet mal-perit inkarigat, ġie deċiż waqt seduta ġenerali li kellu jitwaqqa' dak eżistenti biex jittella' wieħed tal-"concrete" u li jkun jiflaħ qoxra granit fuqu. Hawnhekk reġgħet inħasset ferm l-għajnuna ta' ħafna benefatturi, soċji u partitarji li kollha kkontribwew milli setgħu u skond kemm jiflaħ buthom biex b'hekk il-każin ma joħroġx flus minn ġewwa: b'mod partikulari ta' min isemmi li l-"concrete" ingħata b'xejn mill-aħwa Ellul fil-waqt li x-"shutter" intrama' mis-sur Philip Farruġia; ta' dan grazzi kbir lilhom u lil kulħadd. Grazzi kbir imur ukoll għal dawk is-soċji li meddew għonqhom għax-xogħol u li kienu ta' għajnuna indispensabbli sabiex dan jitlesta' fil-ħin. Wara t-tpoġġija tal-granit, kien imiss ix-xogħol tal-ħadid għall- ilquh tat-tarag, kif ukoll tal-poġġaman. Is-sur Andrew Żammit wara ħa ħsieb biex titpoġġa ċ-ċeramika tal-pjan għas-swali.



L-aħwa Ellul jidhru jippreżentaw l-għotja finanzjarja tagħhom.



Il-President tas-Soċjeta' jirreċiproka b'tifkira ta' l-okkażjoni.



Il-President Onorarju, is-sur Joseph Farruġia joffri l-għajnuna finanzjarja tiegħu.



Tifkira żgħira wkoll lis-Sur Farruġia





**L-armi fid-dettal: fuq ix-xellug insibu "Sancta Maria" fil-waqt li fuq il-lemin għandna "Mater Inviolata".**

Is-sehem ta' l-aħwa Ellul (ta' Katrinu) reġa' kien strumentali ferm sabiex il-każin sarulu żewġ ħtiġijiet oħra importanti. Kull min hu midħla tal-Każin tagħna, jaf kemm kien problematiku l-kontrabejt li kellha s-sala prinċipali; għalhekk, appena għaddiet il-festa 1991, inqala' dak li kien hemm biex, għas-spejjeż tagħhom, sar wieħed ġdid. Hekk ukoll l-Istatwa fil-ġebla Maltija, dik ta' Santa Marija, li l-benefattur kbir missierhom, **Lorenzo Ellul**, kien għamel fl-1952, kienet tinħtiġilha restawratura. Ġie avviċinat mill-ġdid l-iskultur is-Sur Lawrence Attard u, fuq inizjattiva tagħhom stess, biex jiġi mfakkar propju egħluq l-40 sena minn meta nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 1952, l-istatwa ttellgħet f'postha, mhux biss ġiet irrestawrata iżda għandna l-pjaċir inħabbru li ser ikollha pedestall ġdid bl-iskultura. Ma baqagħlniex kliem biex nirringrazzjawhom!

Kif qegħdin taraw, il-ħidma tagħna fil-każin matul is-sena ma waqfet xejn; jonqos biss illi fil-waqt li nerġgħu nirringrazzjaw mill-ġdid lill-benefatturi u l-kull min għen sew finanzjarjament kemm materjalment nistiednu lilkom ilkoll, soċji, benefatturi, partitarji nisa u rġiel u l-familjari tagħkom, **sabiex nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju, wara l-programm strumentali, il-kxif tal-pedestal ta' Santa Marija, tal-lapida kommemorattiva u l-inawgurazzjoni tal-pittura mill-E.T. il-President tar-Repubblika, tattendu għar-riċeviment kbir fis-sala tal-każin, ħalli tkunu tistgħu taraw mill-qrib dak kollu li bl-għajnuna t'Alla u tagħkom ilkoll irnexxielna nwettqu.**

**Il-Kumitat Eżekuttiv**



**Is-Sur George Farruġia f'isem is-"Southern Construction Ltd." jidher jippreżenta uffiċjalment it-"T-Shirts" tal-bandisti.**



**Il-President jippreżenta wieħed mis-sitt "portraits" ta' kompożituri magħrufa.**

# TELEFOR INTERNATIONAL

RESERVATION CARD:
Please deliver a Plant arrangement ( )
Fresh Flower Arrangement ( )
Dried Flower Arrangement ( )

To: Name ____________________
Address ____________________
Country ____________ Post Code ____________
Tel. No. ____________ Delivery Date ____________
Message ____________________
____________________

Cheques payable by post to:
"GREENLANDS" Shalem, Fisherman Street, Żurrieq.

"SUPPLIERS OF POT PLANTS, FRESH & DRIED FLOWER ARRANGEMENTS"
FOR FURTHER INFORMATION PLEASE PHONE: 822298
ALWAYS GLAD TO BE AT YOUR SERVICE NO MATTER WHAT THE OCCASION

**This advertisement also entiles you to 12 $^1{}_2$ % discount on pot plants.**

# AIDA HALL

## TRIQ ĠUŻEPPI MATTEW CALLUS
## ŻURRIEQ
## TELEPHONE: 683112

FOR ALL SOCIAL ACTIVITIES

PARTIES
ENGAGEMENTS
FIRST HOLY COMMUNION
COFFEE MORNINGS
BAPTISMS
WEDDINGS
CONFIRMATION
HIGH TEAS

## SETT TA' MARĊI LI SER JINDAQQU MILL-BANDA RE ĠORĠ V FIL-FESTA TITULARI TA' SANTA MARIJA LI SSIR ĠEWWA L-IMQABBA

### MARĊI ĠODDA

| ISEM TAL-MARĊ | IRREGALAT MINN | KOMPOŻITUR |
|---|---|---|
| Convoy Golden Jubilee | Dilettanti tan-Nar | Mro. A. Camilleri |
| Josephine | Ġ. Psaila | Mro. E. Buġeja |
| Sarah | L. Farruġia | L. Farruġia |
| Id-Domma ta' l-Assunta | J. Camilleri | Mro. J. Cuschieri |
| Ohio | R. Camilleri | Mro. A. Mizzi |
| Faċċata Majestuża | K. Camilleri | Maj. A. Aquilina |
| Lill-Benefatturi tas-Soċjeta' | A. Farruġia | Mro. A. Farruġia |
| Briju | Familja Martin | Mro. Ġ. Martin |
| Prima Classe | A. Camilleri | Mro. A Camilleri |

**N.B. Dawn id-disa` Marċi ġodda flimkien ma' l-innu tal-Banda Re Ġorġ V ġew irrekordjati għand Boffa Ltd.**

| | | |
|---|---|---|
| Operation Pedestal | M. Ghigo | Mro. A. Coleiro |
| Titanium | N. Galea | B. Cassar |

### MARĊI POPOLARI

| | | |
|---|---|---|
| Agrigento | I. Camilleri | Mro. A. Coleiro |
| Ġawhra Imqabbija | A. Camilleri | Mro. A. Camilleri |
| Marija Assunta | L. Farruġia | L. Farruġia |
| Whisky Galore | R. Camilleri & A. Żahra | Mro. A. Coleiro |

**REWAEL MARBLES**

**Granite and Resin Works**

**Tel: 685760**

***Stairs - Facades - Kitchen Cupboards***
***Tops - Pavements - Monuments etc.***

*Workshop:*
Josmir Garage
Valletta Road,
Mqabba

# MILL-HAJJA TAL-BANDA

Ċertament li f'dan il-ġublew tad-deheb li s-Soċjeta' tagħna qed tiċċelebra din is-sena, is-sehem tal-Banda tagħna hu akbar mis-soltu.

F'Ottubru li għadda, wara l-ikla annwali, aħna l-bandisti bdejna nerġgħu niltaqgħu għall-kunċerti. L-ewwel għan tagħna kien li nippreparaw sewwa l-marċi ġodda għar-"recording", li sar nhar il-Ġimgħa, 3 ta' April li għadda, fl-"istudios" ta' Boffa Ltd. Il -"policy" tagħna hi li jkollna kompożizzjonijiet li sa fejn hu possibli, jkunu qed jinstemgħu għall-ewwel darba ġo Malta. Dan il-għan żgur qegħdin nilħquh grazzi għall-kontribut tas-surmast tagħna u l-assistent tiegħu. Il-livell tal-marċi ġie ammirat minn ħafna surmastrijiet u nies oħra kompetenti illi fil-limitazzjonijiet tagħna, għarfu l-potenzjal kbir mużikali li għandha fi ħdanha s-Soċjeta'.

Wara l-marċi, kien imiss li nippreparaw programm kif jixraq għall-okkażjoni tat-30 ta' Lulju. Il-mużika li ntagħżlet, minn barra li hi tal-widna u tolqot il-gosti ta' kulħadd, hi kemmxejn impenjattiva aktar mis-soltu, u dan kien jitlob aktar attendenza u attenzjoni għall-kunċerti. Waqt li membru tal-Kummissjoni Banda, s-Sur Kevin Camilleri, kien jinstab l-Ingilterra fuq xogħol, ħa ħsieb jakkwista ħafna mużika mill-arkivji ta' "Boosey & Hawkes Ltd.", u hemm aktar mużika ordnata biex jitkabbar l-arkivju tas-Soċjeta'. Saru wkoll sett ta' kopertini (folders) tal-banda bl-isem u l-arma l-ġdida tas-Soċjeta' li ser jiżżanżnu waqt l-istess programm strumentali. Minn din il-paġna, nixtieq nirringrazzja lis-surmast u l-sħabi l-bandisti kollha illi flimkien iltqajna għal 'l fuq minn 50 darba biex nippreparaw sewwa għal din l-okkażjoni.

Ta' min isemmi wkoll li barra l-konferma tas-servizz li l-banda tagħna għamlet fis-Siġġiewi s-sena l-oħra, żidna servizz prestiġjuż ieħor, dak ta' lejliet il-festa ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Is-sodisfazjon tagħna hu li barra milli nogħoġbu 'l min ikun qalagħna, nagħmlu isem lill-banda, speċjalment permezz tas-sehem numeruż tal-bandisti tal-post.

Ma nistax ma nsemmix is-sagrifiċċji kbar li jwettaq is-surmast tagħna, megħjun mill-assistenti tiegħu, il-bandisti Leonard Farruġia u Raymond Camilleri, illi ġimgħa wara oħra joffru t-tagħlim b'xejn lill-alljievi tagħna. Biss il-frott jidher għaliex għal darb'oħra, għandna **erba' bandisti ġodda** lesti biex joffru s-servizz tagħhom lill-banda tagħna. Minn qalbi, f'isem sħabi nilqagħhom fil-familja tagħna u nawguralhom kull sodisfazzjon li hu marbut mal-kelma "mużiċist". Hemm aktar alljievi jistudjaw u nitlob lilkom ġenituri biex tkomplu tibagħtu 'l uliedkom il-każin għall-lezzjonijiet tal-mużika, u tħajjru 'l ħadd ieħor jagħmel dan għax, minn kif taraw b'għajnejkom stess, uliedkom ikunu qegħdin f'idejn tajba u serji.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieq nirringrazzja wkoll lill-sħabi fil-Kummissjoni Banda ta' l-għajnuna kollha li jagħtuni, sew waqt il-kunċerti u l-programmi, kif ukoll fl-amministrazzjoni ġenerali tal-banda. **Ejjew ħudu pjaċir magħna waqt is-sehem tal-banda tagħna fil-festa tant għażiża għalina ta' Santa Marija.** Din hija l-istedina tiegħi u ta' sħabi, li f'għaqda waħda mas-surmast naħdmu biex inkomplu nissaħħu u nikbru dejjem iżjed.

**Viva l-Banda Re Ġorġ V u s-Soċjeta' li tindokraha!**

**Adrian Żahra**
**Delegat Banda**

**KOMPLI ĠEDDED IL-ĦAJJA**

**TAL-BANDA RE ĠORĠ V**

**BILLI TĦAJJAR U TIBGĦAT L-ULIEDEK**

**JITGĦALLMU L-MUŻIKA**



## BANDISTI ĠODDA

Erba' bandisti ġodda mal-Banda tagħna.
Mix-xellug:
Manswett Żammit (Piatti),
Reuben Farruġia (Clarinett),
Mro. A. Camilleri (Surmast-Direttur u għalliem ta' l-alljievi),
Grace Camilleri (Clarinett),
Jacquiline Camilleri (Clarinett).


Thinking of

# JABLO

(expanded polystyrene)

for:

- ROOF INSULATION (KONTRABEJT)
- COLD STORE INSULATION
- PRE-FABRICATED COLD ROOMS
- AIRCONDITIONING DUCTWORK INSULATION
- SPECIALISED SHAPES FOR IN SITE CONCRETE FORMS
- SOFFIT CEILINGS

**AND A MYRIAD OTHER USES?**

**Then consult the experts in the field with the longest and most experience:**

**MR. JULIAN CAMILLERI**
**ATC PLASTICS LIMITED**
**30, INDUSTRIAL ESTATE, LUQA**
**TELEPHONE: 244243 FAX: 666892**

SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

**FL-OKKAŻJONI TAL-50 ANNIVERSARJU**
**MILL-ĠRAJJA STORIKA**
**TAL-"CONVOY" TA' SANTA MARIJA**
**1942 - 1992**

# IL-BANDA RE ĠORĠ V
## TA' L-IMQABBA

**TIPPREŻENTA**

**KUNĊERT STRUMENTALI**
**NHAR IL-ĦAMIS, 30 TA' LULJU 1992,**
**FIT-7.45 p.m.**

**TAĦT IL-PATROĊINJU TAL-E.T.**
**DR. ĊENSU TABONE**
**PRESIDENT TA' MALTA**
**U S-SINJURA TIEGĦU.**

| | | |
|---|---|---|
| Overture | IL BARBIERE DI SIVIGLIA | G. Rossini |
| March | MILITAIRE | F. Schubert |
| Selection | MADAMA BUTTERFLY | G. Puccini |
| Valse | ROSES FROM THE SOUTH | J. Strauss Jr. |
| Theme | DYNASTY | B. Conti |
| Sinfonia | NABUCCU | G. Verdi |
| Innu | BANDA RE ĠORĠ V | A. Camilleri |
| Innu | MALTI | R. Sammut |

Mro. Anthony Camilleri A. Mus. L.S.M.
Surmast/Direttur

Wara li l-Banda tesegwixxi dan il-Programm Strumentali, isiru d-diskorsi ta' l-okkażjoni, il-kxif u t-tberik tal-Pedestall ġdid ta' Santa Marija li tinsab fuq il-Każin, xogħol l-iskultur Żebbuġi s-sur Lawrence Attard, tal-Lapida Kommemorattiva u tal-Pittura tal-"Convoy" ta' Santa Marija, xogħol l-artist Għawdxi Chev. Paul Camilleri Cauchi. Il-lejla tiġi fi tmiemha b'riċeviment fis-Sala Prinċipali tal-Każin.

# TAGHRIF ĠENERALI FUQ IS-SILTIET MUŻIKALI LI L-BANDA RE ĠORĠ V TA' L-IMQABBA, SER TESEGWIXXI WAQT IL-PROGRAMM MUŻIKALI TA' NHAR IL-ĦAMIS, 30 TA' LULJU, 1992

## "Il-Barbiere di Siviglia": Overture - Gioacchino Rossini.

Bejn l-1810, is-sena li fiha ġiet imtella' l-ewwel opra ta' Gioacchino Rossini, sa l-1848, is-sena li fiha miet Gaetano Donizetti, tlett kompożituri kbar iddominaw ix-xena operistika sew Taljani kif ukoll Franċiża: appuntu Rossini, Donizetti, flimkien ma Vincenzo Bellini. L-opra tagħhom kienet mibnija fuq l-hekk imsejjaħ "bel canto", li, kif jixhed l-isem stess, ma kien xejn ħlief kant, melodija u mużika tal-widna u mexxejja għall-aħħar:"....bħal platt għaġin!", skond Berlioz, illi ma tantx kien jissimpatizza ma dan l-istil ta' kompożizzjoni.
Intant, il-"Barbiere" opra komika f'żewġ atti fuq librett ta' Sterbini, rat l-ewwel rappreżentazzjoni tagħha ġewwa Ruma, fl-20 ta' Frar, 1816, fost numru ta' inċidenti xejn sbieħ u akkumpanjatha minn ħafna tisfir u storbju ieħor. Dan il-fjask kien organiżżat minn grupp ta' ammiraturi ta' kompożitur ieħor, Giovanni Paisiello, illi ma felħux jaraw ġot-tejatru tagħhom "Barbiere" oħra, wara dik illi dan l-istess kompożitur kien tella' aktar qabel fl-istess tejatru fl-1782. Biss, wara li spiċċat l-opra, billi Rossini għażel li jibqa' f'daru, ħbiebu nġabru għandu biex jagħtuh l-aħbar illi "....kienet kapolavur!" Is-sinfonija li ser nifthu biha dan il-kunċert strumentali, għalkemm baqgħet magħrufa bl-isem ta' din l-opra, oriġinarjament instemgħet żgur fl-"Aureliano in Palmira" ta' l-1813, u x'aktarx anki fl-"Equivoco Stravagante" ta' l-1811 u fl-"Elisabetta, Regina d'Inghilterra" ta' l-1815. B'daqshekk, xejn ma jnaqqas mill-kobor u s-sbuħija ta' din is-sinfonija tant famuża, u illi żgur għandha tinżel għasel ma dawk illi jħobbu l-istil Rossinjan. L-arranġament bandistiku huwa ta' Alamiro Giampieri.

## "Marche Militaire" - Franz Schubert

Franz Schubert, li miet fl-eta' żgħira ta' 31 sena, għex ħajtu kollha fid-dell tal-kbir kompożitur komtemporanju tiegħu Beethoven (li kien 27 sena akbar minnu). Huwa twieled fi Vienna fl-1797 u wara li għex dejjem f'din il-Belt, miet hemm ukoll fl-1828. Bħal Beethoven, huwa meqjus bħala kompożitur klassiku, ġej mill-iskola mużikali ta' Haydn u Mozart, illi laħaq ukoll il-bidu ta' l-era romantika. Kellu faċilita' kbira biex jikkomponi (aktar mill-istess Beethoven), tant illi tul il-ftit ħajja li għex, irnexxielu jħalli warajh wirt mużikali kbir u mill-aqwa. Din il-kompożizzjoni ħelwa li ser nisimgħu din is-sena għandha arranġament bandistiku ta' M. Retford.

## "Madama Butterfly": Selection - Giacomo Puccini.

Din hi opra fi tlett atti, fuq librett ta' Giacosa u Illica, illi rat l-ewwel rappreżentazzjoni tagħha ġewwa Milan, fl-1904.
Puccini twieled f'Luca, l-Italja, fis-sena 1858, u miet ġewwa Brussels, fl-1924, fl-eta` ta' 65 sena. Kien kontinwazzjoni ta' erba' ġenerazzjonijiet oħra ta' mużiċisti stabbiliti fil-familja tiegħu, u apparentament l-aħħar. Taħt il-ħarsien tal-magħruf Ponchielli, huwa ħa l-aqwa formazzjoni mużikali li seta' jieħu mill-Konservatorju ta' Milan.
Puccini, kif hu stess jistqarr, ġie fid-dinja għall-kontribuzzjoni tejatrali tiegħu. Fil-fatt, l-aktar xogħlijiet importanti f'ħajtu insibuhom miktubin speċifikament għat-tejatru, fosthom it-tlett opri kbar: il-"Boheme" ta' l-1896, it-"Tosca" ta' l-1900 u appuntu l-"Madama Butterfly" ta' l-1904. Is-suċċess tiegħu kien dovut primarjament minħabba l-melodija taljana u mexxejja li tant kien iħobb juża, imsaħħa b'armonija illi tqajjem interess sħiħ billi fiha dik ix-xeħta oriġinali bejn klassika u moderna, u fl-aħħar iżda mhux l-anqas, bl-orkestrazzjoni sinjura u mill-aktar effettiva li kien jirnexxielu joħloq.
Is-"Selection" li ser nisimgħu waqt dan il-programm, għalkemm mhix xi waħda twila hekk kif fosi imdorrijin nifhmu b'dan it-terminu mużikali, fiha uħud mill-aqwa mumenti mużikali ta' l-opra bħall-famuża arja "Un bel di vedremo", il-"huming chorus" u l-arja drammatika t-"Tu?....piccolo Iddio!" li twassalna għal-final traġiku ta' l-opra.

## "Roses from the South" : Valse - Johann Strauss Jr.

Il-"Valse" hija forma mużikali ġejja mill-"Landler", żifna Awstrijaka/Ġermaniża. Instema' għall-ewwel darba bejn l-1770 u l-1780. Nistgħu ngħidu illi mill-ewwel intlaqa' b'ferm entużjażmu kullimkien: mhux biss Vjenna (fejn kellu, biex ngħidu hekk, il-"headquarters" tiegħu) iżda madwar l-Ewropa kollha. Ta' 19 -il sena, Johann Strauss Jr. (1825-1899) iddeċieda li jikkompeti ma' missieru, ħa f'idejh saħansitra l-orkestra li kellu missieru stess u taha għall-kompożizzjoni. Kiteb f'ħafna forom mużikali iżda żgur illi jibqa' msemmi għall-valzi sbieħ li kkompona: min qatt ma sema' l-

# St Mary Woodworks

## GĦAMARA FUQ STIL KLASSIKU

- SETTIJIET TAS-SODDA
- SETTIJIET TAL-PRANZU
- SALOTTI
- GRANDFATHER CLOCKS
- SOTTO SPECCHIO
- CHIFFONIERS
- SIDE TABLES
- MONKS BENCHES
- ĠARDINIERI
- POĠĠAMANI

EĊĊ



S.M.W. Cortis, Mdina Road, Żebbuġ. TEL: 466520/464118

---

# *Cortis Grandfather Clocks*

KOMPLUT



MAGNI
BISS



S.M.W. Cortis, Mdina Road, Żebbuġ. TEL: 466520/464118
FAX: 465894

"Blue Danube" jew l-"Emperor"; hija mużika illi għada famuża llum daqs kemm għada famuża l-ħames sinfonija ta' Beethoven.
Is-siltiet mużikali minn dan ix-xogħol illi sser nisimgħu huma tal-widna ferm u għandhom arranġament bandistiku ta' W.J. Duthoit, A.R.C.M.

## "Dynasty" : Theme - Bill Conti.

Fil-bidu tat-tmeninijiet, ġiet prodotta waħda mill-aktar "soap operas" popolari li qatt inħadmu, propju "Dynasty". Kellha "cast" ta' atturi stabbiliti u ferm popolari (bħal Joan Collins) u b'"budget" li kien jinvolvi l-miljuni ta' dollari, wieħed għandu jifhem illi l-produtturi ma qagħdux jixxaħħu biex ikollhom ukoll l-aqwa "sound track" ta' dik l-era'.
Il-banda ser tesegwixxi arranġament ta' John Edmondson, ibbażat fuq it-tema prinċipali u mżewwaq b'solijiet fuq il-klarinett u l-kurunetta.

## "Nabucco" : Overture - Giuseppe Verdi.

Il-kbir kompożitur Taljan Giuseppe Verdi kellu suċċess kmieni f'ħajtu. Twieled fl-10 ta' Ottubru ta' l-1813 (5 xhur wara t-twelid f'Liepzig ta' dak li kellu jkun l-akbar rival f'ħajtu: Richard Wagner) qrib Bussetto f'Parma u miet f'Milan fl-1901, fl-eta' ta' 87 sena. L-ewwel opra tiegħu, l-"Oberto" ta' l-1839, kienet intlaqgħet tajjeb f'Milan, iżda t-tielet waħda, appuntu n-"Nabucco" ta l-1842, għamlitu famuż. Tlettax-il sena wara, permezz tar-"Rigoletto", bit-"Trovatore" u bit-"Traviata", kien laħaq il-quċċata tas-suċċessi, tant illi kien meqjus daqs Meyerbeer, li dik il-ħabta kien għadu famuż ferm bl-opri spettakulari tiegħu.
Sa mill-ewwel rappreżentazzjoni tagħha fid-9 ta' Marzu ta' l-1842, in-"Nabucco", fil-qosor għall-karattru bibliku ta' "Nabucodonosor", kienet suċċess illi stabbiliet lil Verdi u ġiegħelet ħafna komtemporanji jgħiru għalih. F'dan ix-xogħol meqjus bħala bikri fil-ħajja mużikali ta' dan il-kompożitur, tinħas qawwija ferm l-influwenza Rossinjana u anki dik ta' Donizetti, tant illi ħafna kritiċi jqisuha l-bogħod minn dak l-istil Verdjan ta' l-opri li segwewha. Saħansitra anki fis-sinfonija li ser nisimgħu jinħass qawwi ferm l-effett tal-"crescendo" ta' Rossini u dak melodiku ta' Donizzetti, iżda t-timbru finali huwa żgur dak Verdjan. L-arranġament bandistiku, li ser jagħlaq dan il-kunċert strumentali, sar relattivament riċenti, propju fl-1970, u huwa ta' P. Vidale.

**Raymond Camilleri, B. Sc.**



**JOHANN STRAUSS, JR.
LEJN L-AĦĦAR
TAS-SEKLU DSATAX**



**GIUSEPPE VERDI
FL-1857**

# MALLIA PETROL STATION

## PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI - TELEPHONE: 467764

**Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand MALLIA PETROL STATION fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karrozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karrozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm 18.50.**

**Kif ukoll:**

* Silencers għall- karozzi kollha
* Crash Helmets kbar u żgħar
* Kull kwalita' ta' żjut
* Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
* Għodod
* Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
* Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalita' tajba
* Għandek issib ukoll muturi u karozzi għall- bejgħ.






ARE YOU

MODERN?

STYLISH?

OR EVEN

OUTRAGEOUS?

AIR
INE
UNISEX SALON

Offers you all the latest styles and the best hair care
while relaxing in the most liveliest, brightest atmosphere.

TRIQ IT-TEMPESTA - QRENDI
TELEPHONE: 685081

# IL-KWADRU TAL-"CONVOY" TA' SANTA MARIJA FIL-KAŻIN

Il-"Convoy" ta' Santa Marija huwa l-ewwel kwadru f'każini ta' Santa Marija mis-7 Santa Marijiet li jinsabu f'Malta u Għawdex. Il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi ħadem l-ewwel kwadru b'dan is-suġġett; u l-ewwel wieħed u l-uniku fi Knisja kien l-1970 fil-Parroċċa ġirien tagħna tal-Qrendi.

Fil-kwadru tagħna li fih qisien u komposizzjoni ġdida għalih partikulari, hu mqassam fi tliet ħsibijiet.

Fil-parti tan-nofs naraw l-Assunzjoni ta' Sidtna Marija merfugħa mill-anġli u anke puttini. Għalkemm hu kwadru wieħed, fuq in-naħa tax-xellug, aħna u nħarsu lejn il-kwadru, naraw studju ta' anġlu monumentali joffri l-arma tal-Imqabba lil Madonna. Waqt li fil-parti tal-lemin naraw is-suġġett li jorbot il-kwadru kollu jiġifieri t-Tanker "Ohio" dieħel kważi mgħarraq taħt il-Ponta ta' l-Isla. Hawnhekk, barra li naraw ix-xena tal-Port il-Kbir, naraw ukoll forma ta' monument kompost minn figuri.

Camilleri Cauchi, artistikament għaqqad din il-kompożizzjoni minn suġġetti fattwali flimkien, b'mod tassew sabiħ u artistiku, għar-raġuni li għalkemm kollox huwa pittura, huwa ħallat dak li fl-arti jsejħulu "Trompe d'oeuil". Dan għar-raġuni li 'in rappresentanza' tal-anġlu bl-istemma tal-Imqabba u l-grupp monumentali li jirrapreżenta lil poplu Malti, huwa fuq stil jew kulur monokromatiku.

Il-kwadru li hu ta' qisien 18ft.x 11ft.fih kuluri friski u ndaf li ħarġu mill-paletta magħrufa ta' Camilleri Cauchi. F'dan il-kwadru jolqotna l-kjaroskur, it-tonalita' u l-ilwien sħan kultant kiebja fl-istess ħin. Il-pittur ħareġ armonija bejn il-ferħ ta' kuluri li jesprimu d-dwejjaq ta' ġewwa, u fuq kollox l-apoteosi ta' mumenti li jfakkru l-ġrajja ta' 50 sena ilu eżatti.

F'dan il-kwadru, minkejja l-element simboliku, tradizzjonali li fih, bid-dehra ta' Santa Marija, tolqtok l-oriġinalita' fil-kompożizzjoni, bir-rappreżentazzjoni tal-"Convoy". L-għajnejn jiġru 'l fuq mad-dirgħajn merfugħa tal-Madonna, fejn hija l-aktar parti mdawwla tal-kwadru.

Fil-parti tal-"Convoy", fejn hemm naraw kompożizzjoni ta' erba' persuni; fuq quddiem tidher persuna bla ħajja stenduta fl-art, din id-darba għarwiena, u tfajla li tirrapreżenta lil Malta b'kuruna tar-rand f'idejha. Minn warajha tidher ħierġa figura li tirrapreżenta l-ispirtu tal-Maltin fuq stil "art nouveau", waqt li ritratt ta' Malti bil-beritta jidher iħares lejn min iħares lejn il-kwadru.

Fuq kollox, l-impressjoni li tieħu int u tifli l-kwadru, hija ta' unita' li bil-kuluri jitpaxxew l-għajnejn. Id-dettalji jidhru wara. Għax wara kollox il-pittura tiegħu hi nadifa u għanja, u għandha ħila tikkomunika aktar mil-linja fid-disinn li joħloq.

Inħossuna ferm kuntenti u kburin li ninsabu fost il-knejjes u kif ukoll f'postijiet f'Malta, Għawdex u anke barra mill-gżejjer tagħna, li issa għandna dan il-kwadru storiku fil-każin tagħna.

**Il-Kumitat Eżekuttiv.**

## PROFIL TA' CHEV. PAWLU CAMILLERI CAUCHI P.A.S. (Lond) O.R.C.B., O.S.J.

Pawlu Camilleri Cauchi, li hu l-iktar esponent tal-Arti Sagra f'pajjiżna f'dawn l-aħħar snin, twieled fir-Rabat Għawdex fl-1940. Huwa l-iben il-kbir tal-magħruf Statwarju u Skultur il-Komm.Wistin Camilleri. Huwa studja l-arti tal-pittura taħt missieru, kif ukoll taħt il-Profs. Jos. Briffa, Jos. Caruana u G.B. Conti. Wara huwa kompla f'Perugia, Firenze u Ruma. Kien ukoll surmast tal-Arti fl-iskejjel tal-Istat, fejn għal xi snin kien jgħallem hawn fl-Imqabba. Ix-xogħolijiet tiegħu li huma bosta, jinsabu jżejnu ħafna mis-soqfa tal-Parroċċi Maltin u Għawdxin, hekk ukoll nistgħu ngħidu f'ħafna kollezzjonijiet privati sew f'pajjiżna kif ukoll barra minn Malta. Ix-xogħolijiet tiegħu ħarġu barra xtutna fejn rebaħ premjijiet u esebixxa f'ħafna pajjiżi. Biżżejjed ngħidu li ħadem u bagħat ix-xogħolijiet tiegħu fil-ħames Kontinenti.
F'diversi okkażjonijiet xogħol minn tiegħu ġie ppreżentat lil Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fil-Kungress Mondjali Salesjan, fl-okkażjoni tal-ewwel Ċentenarju mill-mewt ta' San Ġwann Bosco, kien responsabbli għall-poster uffiċjali, u għall-kwadri kbar li saru għall-istess okkażjoni fl-1988.
Huwa ħadem ukoll dekorazzjonijiet li jżejnu l-festi tradizzjonali tagħna.




# NAXOS TYRE CENTRE

ST. THOMAS STR,
LUQA.
TELEPHONE : 661138

- PUNCTURE REPAIRS
- TYRES
- BATTERY SERVICE
- K N ALLOY WHEELS made in U.K.
- WHEEL BALANCING & ACCESORIES.



# ST. PETER'S IRONMONGERY

## TRIQ IT-TROLL, MQABBA.

### TELEPHONE: 680143

Jissupplixxu:
* Kmamar tal-banju
* Madum ta' kull kwalita' u Stil mill-aqwa
* Geysers u Stainless Stell Sinks
* Fittings tad-dawl u ilma
* Asbestos pipes u żebgħa ta' kull kwalita' u oġġetti utli għall-industrija tal-bini.

# MIKELANĠSAPIANO-IMQABBI LI GĦAMEL ISEM



*Mikelanġ Sapiano*



*Tony Terribile*

Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra konna bdejna naraw ir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan. Konna rajna biss l-ewwel parti u kont wegħidt li din is-sena naraw it-tieni parti, iżda inħoss id-dmir li permezz ta' din il-kitba, infakkar Imqabbi li għamel isem, MIKELANĠ SAPIANO, li din is-sena qegħdin infakkru għeluq it-tmenin sena minn mewtu. Hu kien miet fit-2 ta' Diċembru 1912 f'Ħal Luqa.

Min kien Mikelanġ Sapiano?

Mikelanġ kien iben Baskal u Tereża Aġius u twieled l-Imqabba fid-19 ta' Marzu 1826.

Kien bin ir-raba' u kien jgħix f'dan ir-raħal sakemm iżżewweġ tfajla minn Ħal Luqa u baqa' jgħix Ħal Luqa sakemm miet.

Missier Mikelanġ, xtaq li ibnu jieħu s-sengħa ta' mastrudaxxa u għalhekk bagħtu jitgħallem din is-sengħa għand Mastru Ġużeppi Buġeja mis-Siġġiewi.

Mikelanġ mar jitgħallem din is-sengħa, iżda fil-ħin li kien ikun wieqaf mix-xogħol, kien imur għand arluġġar jarah isewwi l-arloġġi. Kien jehda jħares lejh.

Meta kellu 14-il-sena hu rranġa l-arloġġ tal-knisja parrokjali ta' l-Imqabba. Kien ilu żmien wieqaf u kienu saru bosta tentattivi biex jitranġa, iżda qatt ma rnexxielhom. Mikelanġ irnexxielu.

Fl-1854, meta hu kellu 42 sena, ħadem arloġġ li barra l-ħin kien jimmarka l-ġurnata, ix-xahar, id-data, x'ħin titla' x-xemx u x'ħin jitla' l-qamar.

Kollox kien jaħdem awtomatikament, saħansitra fissena bisisitili. Dan l-arloġġ għamel żmien twil għand il-pro neputija tiegħu u llum dan għadu jaħdem u jinsab fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina.

Fl-1857 ħadem arloġġ ieħor u għalhekk is-Soċjeta' tal-Arti Manifattura u Kummerċ, għarfet il-kwalitajiet tekniċi li Mikelanġ kellu, u ppremjatu l-midalja ta' ġieh.

Fl-1860 hu ħadem l-ewwel arloġġ għall- knisja, u dan kien l-arloġġ tal-knisja parrokkjali tal-Gudja.

Dan l-arloġġ kien il-bidu ta' arloġġi oħra li hu ħadem għal diversi knejjes oħra.

Fl-1862 hu ħadem l-arloġġ tal-knisja parrokkjali ta' Ħal-Kirkop u fl-1872 dak ta' Ħ'Attard.

Sena wara, ħadem ieħor b'erba' kwadranti għall-knisja parrokkjali tal-Kalkara li kien spiċċa fl-aħħar gwerra dinjija. F'dawn iż-żminijiet hu ħadem ieħor għax-Xatt tal-Marsa.

Fl-1875 hu ħadem l-arloġġi għall-knejjes ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, tal-Mellieħa, tax-Xewkija u fl-1871 hu ħadem tlieta oħra, dak taċ-ċimiterju tal-Addolarata, tas-Sannat u tan-Nadur Għawdex.

F'dawn is-snin Mikelanġ Sapiano kien fl-aqwa talkarriera tiegħu u għalhekk sena wara, jiġifieri fl-1816, hu tana l-arloġġi ta' San Ġorġ Ħal-Qormi u ta' San Pawl ta' Birkirkara.

Huwa wkoll ħadem l-arloġġi tal-Katidral tal-Imdina, tal-Mosta magħmul fl-1889, ta' Bormla fl-1893 u tas-Siġġiewi fl-1894.

F'din is-sena Mikelanġ Sapiano ġie msejjaħ mill-Awtoritajiet Ċivili tal-Palazz tal-Gvernatur biex jagħmel xi tibdiliet fl-ordni tad-daqq tal-arloġġ tal-Palazz tal-Belt, b'mod, li Mikelanġ għamlu jdoqq biss matul il-ġurnata.

Mikelanġ baqa' wkoll imsemmi għaż-żewġ arloġġi li ħadem wieħed għall- knisja ta' Lixandra u ieħor għax-Xatt tal-Marsa. Dan l-arloġġ barra li kien idoqq il-kwarti, in-nofs siegħat u s-siegħat, kien jagħti erba' sinjali speċjali lill-ħaddiema tal-Port li kienu jservu bħala l-bidu u t-tmiem tal-ħin liberu tagħhom. B'mekkaniżmu maħluq minnu stess dawn it-tokki ma kienux idoqqu fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi.

L-arloġġ l-ieħor, ta' Lixandra, barra li kellu erba' kwadranti fil-kampnar, kellu kwadrant ieħor fis-sagristija li kien madwar sebgħin pied bogħod mill-kampnar.

Mikelanġ Sapiano baqa wkoll magħruf għall-arloġġ li kien ħadem għall- piżaturi u li kien jintuża fid-Dwana. Dan kien jiżen kull ħaġa tqila u ħafifa u jimmarka sa' żerriegħa żgħira ta' qamħa.

Mikelanġ Sapiano nistgħu ngħidu li kien il-bniedem li f'dawn il-gżejjer daħħal l-użu tal-"bicycle".

Biex imur minn post għall-ieħor kien ivvinta apparat magħqud permezz ta' tlett roti, li hu kien jużah fit-toroq ta' Ħal-Luqa u għax-xogħol tiegħu fl-irħula tal-qrib.

Fis-26 ta' Frar 1908 hu ġie mogħti l-midalja tad-deheb mis-Soċjeta' tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, għall-ħidma kbira li hu wettaq.

Bla dubju ta' xejn Mikelanġ Sapiano għandu jitqies bħala ġenju iben dehen tar-raħal sabiħ ta' l-Imqabba.

**Tony Terribile**
**Tas-Sliema**
**22 ta' Mejju, 1992**




# ELLUL WOODWORK
# MQABBA

GĦAL KULL XORTA TA'
XOGĦOL TA'

APERTURI, GĦAMARA U
KOLONNI TAT-TARAĠ
BI PREZZIJIET MODERATI

**ELLUL WOODWORK**
**Valletta Road, Mqabba.**
**TEL: 683152 - 689470**

*Carabott Jewellers*

*FOR CRYSTALWARE*
*GOLD AND SILVER ITEMS*

DUN ĠUŻEPP ZAMMIT ST.,
ŻURRIEQ – MALTA
TEL: 680760

# ABELA BROS.
# GARAGE

DIESEL AND PETROL
MECHANIC
SPECIALISE ON
**FORD, MAZDA & TRANSIT**
***ABELA BROS GARAGE***
TRIQ IT-TIN
QORMI
TEL: 491579

# MILL-PINNA TA' OLIVER FRIGGIERI

## IL-KONVOY TA' SANTA MARIJA

Ma niftakarx, Marija, x'ġara sewwa
snin ilu meta l-liġi tal-mibegħda
lid-dinja tal-bnedmin ħakmitha kollha.
Ma niftakarx x'kien ġara meta l-qerda
belgħet lil kollox u 'l kulħadd fi ħdanha.
Iżd'ommi, li ma tatni xejn f'ħajjitha
ħlief ħafna mħabba, darba fetħet qalbha
u kulma qaltli bqajt inġorru miegħi.
F'għajnejha kellha d-dmugħ, leħinha mnikket,
u hi ħaditni nkiss inkiss f'ħoġorha
biex kisret is-sigriet li kiber magħha.
U qaltli: "Ibni, qabel ma wellidtek
is-sema xegħel u sar ħuġġieġa waħda
u l-art imtliet bin-nies minxura mejta,
u aħna li ħlisnieha konna nibku,
ninħbew fix-xeltrijiet u b'darna mġarrfa
nixtiequ l-jum li jfittex jgħaddi kollox.
U xejn ma kellna x'nieklu; ftit żmien ieħor
u konna nċedu ruħna lill-egħdewwa."
"Għaliex," staqsejtha, " dil-mibegħda kollha
fir-razza tal-bnedmin?" "Ma nafx," weġbitni,
"hekk riedu l-kbar li ħatfu d-dinja f'idhom
u xerrdu biss il-ħerba fuq l-art kollha."
"Għaliex, immela, ma', erġajt staqsejtha
"int għadek ħajja llum u ma mittx magħhom?"
U ommi ħarset lejn in-naħa l-oħra
tal-kamra fejn kien hemm ix-xemgħa tixgħel,
u qaltli: "Ħares, dik il-mara twajba
li tul ħajjitha ma rat xejn ħlief niket
u li sallbulha 'l binha li ħadd ħliefu
ma kellha, dik il-mara ftakret fina
u meta ma kellniex ħlief tama fiha,
hi semgħet talbna w ma wqajniex telliefa.
Kien jum il-festa tagħha meta konvoy
imgħobbi bl-ikel daħal fil-port tagħna.
Għaddew is-snin u dik il-ferħa kbira
sa llum inħossha tbaqbaq ġewwa fija.
Iss' int ukoll li taf dil-ġrajja, ibni,
lil dik il-mara twajba ta' qalb kbira
roddilha l-ħajr li għandek 'l ommok miegħek.
Jien għadni ħajja llum minħabba fiha."
U ommi mbagħad ħaddnitni b'għafsa magħha
u qalet talba li ma stajtx nifhimha.
"Għalhekk, immela, ma', li dik ix-xemgħa
jien nafha tnemnem dejjem f'dik ir-rokna,
bil-lejl, bin-nhar, u nafha minn ċkuniti."

Ma niftakarx, Marija, x'ġara sewwa,
iżd'ommi qaltli dawn il-ħwejjeġ fuqek
u llum li kbirt jien naf li f'dik id-dinja
maħkuma mill-mibegħda int 'l uliedek
li baqgħu jemmnu fik ma nqastx teħlishom.
Il-konvoy tiegħek żamm lil ommi ħajja,
u nwiegħdek li kemm jgħaddi żmien minn fuqi
jien nibqa' ntenni l-ġrajja lil uliedi
biex bħalma wrejt il-ħniena m'ommi w niesha
int tibqa' tħenn sakemm fuq din id-dinja
tissokta l-gwerra bejn il-ġid u l-ħażen.

**OLIVER FRIGGIERI - 26/6/92**



Dr. Oliver Friggieri B.A., M.A., Ph. D. studja fl-Universita' ta' Malta (1964-1978) u għamel riċerka fl-Universita' Kattolika ta' Milan (1977). Kiseb il-grad ta' M.A. bit-teżi LA CULTURA ITALIANA IN DUN KARM li xxandret f'volum ġewwa Firenze, u ħa d-dottorat fil-Letteratura bit-teżi LA CULTURA ITALIANA DEL ROMANTICISMO E LA POESIA MALTESE. Hu l-awtur ta' għadd ta' kotba u studji mxandrin f'Malta u f'diversi pajjiżi barranin. Kotba minn tiegħu li huma ta' natura kritika u narrattiva, dehru fl-Italja, fl-Iskozja u fil-Jugoslavja. L-istudji tiegħu ġew ippreżentati wkoll f'diversi kungressi internazzjonali tal-kritika li ħa sehem fihom. Hu membru ta' L-ASSOCIATION INTERNATIONALE DES CRITIQUES LITTERAIRES (Pariġi) u jgħallem il-Letteratura Maltija fl-Universita' ta' Malta.

# TITKOMPLA L-HIDMA FL-ARMAR

*Huwa ta' pjaċir kbir u unur għalina illi minn sena għall-oħra ikollna biex nimlew din il-paġna tagħrif dwar ix-xogħol li jkun għaddej fir-rigward ta' l-armar. Sena għalina tgħaddi bħal ħolma: dejjem sejrin u dejjem insibu x'nagħmlu, x'nirranġaw, x'inbiddlu, x'inżidu u kollox bi skop wieħed, dak li naraw ir-raħal tagħna armat kif jixraq għall-Festa Titulari ta' Santa Marija.*

**13 TA' AWISSU, 1991**

Ma nistgħux ma nsemmux din il-ġurnata hekk memorabbli għalina d-dilettanti tal-armar. Hekk kif il-marċ tradizzjonali ta' l-Aħħar Tridu qabeż Triq il-Parroċċa, il-Kappillan Dun Willie Vella bierek l-Istatwa ġdida tal-Papa Piju XII, il-Papa tad-Domma ta' l-Assunzjoni ta' Sidtna Marija, xogħol l-artist Tarxieniż is-sur Renzo Gauċi. Wara, fost il-ferħ u s-sodisfazzjon ta' dawk kollha miġbura, l-Istatwa twasslet sa ħdejn il-pedestall ġdid ukoll, xogħol il-membru s-sur Paul Mifsud u mħallas mis-sur Joseph Farruġia, President Onorarju tas-Soċjeta'. Mad-daqq ta' l-"Inno Pontificio" mill-banda, taħt it-tmexxija tas-Surmast A. Camilleri, l-Istatwa ttellgħet f'postha, fost ċapċip, briju u sparar ta' musketterija u kaxxa nfernali. Kienu mumenti li żgur ma ninsewhom qatt!

**FESTA 1992**

Fl-okkażjoni t'egħluq il-Ħamsin Anniversarju mill-ġrajja storika tal-"Convoy" ta' Santa Marija, aħna wkoll ħadna ħsieb li nagħtu l-kontribut "extra" tagħna biex niċċelebraw kif jixraq dan il-Ġublew tad-Deheb. Triq Karmenu Ċiantar żgur ser tkun attrazzjoni speċjali fil-Festa ta' din is-sena. Fuq inizzjattiva tas-sur Paul Gauċi, megħjun minn żagħażagħ oħra u bil-kontribut indispensabbli tal-Fergħa Nisa, tlesta' s-sett kollu tal-bandalori għal din it-triq. Kien xogħol li rrekjeda ħafna ħin u nies: tfassil (f'idejn Paul Gauċi), ħjata (min-nisa), sfumar u pittura (minn Patrick Ghigo), u ħafna oħrajn. L-istess grupp irnexxielu jlesti l-pavaljuni ġodda għal Triq San Bażilju, illi wkoll ħadu ħafna ħin u nies biex nistgħu narawhom armati fil-Festa li ġejja. Tkompliet issir ukoll aktar liedna għal dawn it-toroq. Minn din il-paġna nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kumitat ta' l-għajnuna li dejjem sibna minnu, kif ukoll lill-benefatturi li ffinanzjaw dan ix-xogħol.

Billi s-sena l-oħra, l-pedestall tal-Papa Piju XII ma lħaqniex lestejnieh għajr bl-"undercoat", din is-sena kellna biċċa xogħol iebsa oħra biex inlestuh minn kollox. Għaldaqstant, eżatt wara l-Festa li għaddiet, inbeda' x-xogħol fuq iż-żebgħa u l-irħamar mis-sinjuri Paul Gauċi u Antwan Abdilla, megħjunin minn żagħżagħ ħabrieka oħra. Sew l-iskultura fl-injam tal-panewijiet kif ukoll l-erba' anġli li ser idawwru l-Papa saru mis-sur Renzo Gauċi. Is-sur Peter Psaila ħa ħsieb il-brazzi tad-dawl. Hawnhekk ta' min jerġa jirringrazzja lis-sur Joseph Farrugia ta' l-għajnuna finanzjarja tiegħu biex din il-ħolma ssir realta'.

Barra dan, sar ħafna xogħol sekondarju ieħor, bħal restawr ta' pedestalli u statwi, inċanar ta' antarjoli u mitt ħaġa oħra illi min hu midħla ta' dan ix-xogħol jaf kemm dejjem jinqalgħu. Nagħlqu dawn l-erba' kelmiet billi mill-ġdid nirringrazzjaw lil kull min seta' b'xi mod għen f'dan ix-xogħol hekk impenjattiv li wettaqna. Nafu li l-maġġoranza tagħkom partitarji tapprezzaw ħafna l-armar u kemm għandna għaliex nibżgħu għalih u nieħdu ħsiebu, aktar w aktar meta nafu li l-maġġoranza tax-xogħol qed isir b'xejn u b'sagrifiċċji kbar minn partitarji bħalkom: kollox tagħna f'tagħna. Biss, aktar ma nżidu fl-armar,aktar hemm bżonn ta' għajnuna waqt li nkunu qed narmaw u nżarmaw. L-apprezzament taghkom ilkoll, għeżież partitarji, għandu jidher speċjalment waqt dawn il-ġranet, u b'mod partikolari espress fl-għajnuna tagħkom.

Nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.

**N.B.** Fil-paġna li tmiss jidhru l-erba' persunaġġi nisa ta' mal-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni.

**Il-Kummissjoni Armar**



Il-W.R. Kappillan, Dun Willie Vella, jidher ibierek l-Istatwa ġdida tal-Papa Piju XII.



L-Istatwa tidher f'posta.


ABIGAIL

ESTHER

GUDITH

JAHEL

# IL-FESTA AD UNUR TA' MRO. TWANNY CAMILLERI, A. Mus. L.S.M.

Nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 1991, wara s-solitu programm ta' marċi quddiem il-każin, is-Soċjeta' tagħna tat ġieh u feraħet flimkien mas-Surmast Twanny Camilleri A.Mus. L.S.M. li kien għadu kif ħa f'idejh it-tmexxija tal-Banda tagħna, wara l-mewt ħesrem tal-mibki iżda qatt minsi Mro. George Martin. Kienet ferm xierqa u sabiħa din il-laqgħa tagħna, illi nfetħet b'diskors ta' l-okkażjoni mill-President tas-Soċjeta' s-sur Carmel Żahra. Wara kien hemm diskors ieħor mill-President Onorarju s-sur Leonard Farruġia illi, fost affarijiet oħra stqarr ".... din hi ġurnata ferm importanti għas-Soċjeta' u l-Banda tagħna għax mil-lum beda jinqata' l-frott mis-siġra li aħna stess kabbarna. Jien kburi mill-pass li seba' snin ilu ħadna flimkien meta ħeġġiġna u bgħattna l-Twanny jieħu l-formazzjoni mużikali neċessarja minn għand Dr. Charles Żammit u, mill-ġdid, nerġa' nħeġġeġ illum ukoll sabiex aktar bandisti jsegwu dawn l-istess passi. " Wara s-Surmast radd ħajr lil kulħadd tal-merħba sabiħa li ngħatatlu u wiegħed l-impenn sħiħ tiegħu sabiex il-Banda tagħna tibqa' miexja 'l quddiem. Saret imbagħad il-preżentazzjoni ta' rigali mill-President, f'isem is-Soċjeta', mill-bandisti tal-lokal, mill-grupp tan-Nar, mill-Fergħa tan-Nisa, min-nisa tal-Kor u mill-ġenituri, qraba u ħbieb oħra tas-Surmast. Iżda, bla dubju ta' xejn, l-isbaħ rigal ta' din il-lejla memorablli ngħata lis-Soċjeta' tagħna mis-Surmast innifsu meta ppreżenta uffiċjalment il-kompożizzjoni ġdida tiegħu "Innu tal-Banda Re Ġorġ V" lill-President tas-Soċjeta'. Is-serata ġiet fi tmiemha b'riċeviment fis-sala prinċipali tal-Każin.

**Ġino Farruġia,**
**Bandist.**



**Il-President, f'isem is-Soċjeta' jirregala l-ewwel rigal lis-Surmast.**



**Is-Surmast jidher jippreżenta uffiċjalment il-partitura tal-"Innu tal-Banda Re Ġorġ V", fost is-sodisfazzjon ta' dawk kollha preżenti.**

**PRIME LTD.**

PRIME

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES, BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD.** Mgieret Road, Marsa, Malta. Tel: 222291/2

MP

Mobilia Penza Ltd.

**The Specialists in Antique Furniture.**

*Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture.*





**Factory & Showroom:**
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
**Telephone: 222094**


FAVOURITE
TEACHER'S

# PROGRAMM FESTA SAN

## FUNZJONIJI

**Il-Ħamis, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**Il-Ħadd, 9 ta' Awissu - Ħruġ tal-Istatwa**
7.30 p.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Kant ta' l-Innu "Ave Maris Stella" u Antifona.
**It-Tnejn, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira.**
6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Dun Joe Bartolo Kappillantal-Parroċċa b'sufraġju għall-erwieħ, ta' ħutna Mqabbin li tilfu ħajjithom fl-aħħar gwerra dinjija.
**It-Tlieta, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Mons. Carmelo Cassar, B.A. ,bl-omelija "Marija Mtellgħa' s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".
7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**
7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.
6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Arċipriet Joseph Pace bl-Omelija "Marija Sultana tas-Sema u tal-Art".
7.15 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.
**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**
7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.
6.30 p.m. Quddiesa Kantata Speċjali għall-Morda u l-Anzjani tal-Parroċċa, mill-W.R. Mons. Paulo Attard, bl-Omelija "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.
7.45 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

## ĊELEBRAZZJ

**Il-Ħamis, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
7.30 p.m. Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
7.40 p.m. Mal-wasla tal-Vigarju Ġenerali Emeritus, Monsinjur Carmelo Xuereb, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri, A.Mus.L.S.M. iddoqq l-Innu Pontificio.
7.45 p.m. Jasal l-E.T. Dr. Ċensu Tabone, President ta' Malta, akkumpanjat mis-sinjura tiegħu, waqt illi l-banda tesegwixxi l-Innu Malti.
Wara jingħata bidu għall-Programm Strumentali biex ifakkar egħluq il-50 Anniversarju mill-ġrajja storika tal-"Convoy" ta' Santa Marija.
Wara d-diskorsi ta' l-okkażjoni , isir kxif u t-tberik tal-Pedestal ġdid ta' Santa Marija li tinsab fuq il-Każin, xogħol l-iskultur Żebbuġi s-sur Lawrence Attard, tal-Lapida Kommemorattiva u tal-pittura li tfakkar l-istess ġrajja, xogħol l-artist Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi.
Il-lejla tiġi fi tmiemha b'riċeviment li għalih huma mistiedna is-Soċji, Partitarji u Benefatturi nisa u rġiel kollha.
**Fil-Ġranet tal-Kwindiċina**
8.00 p.m. Mixgħela tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
**Il-Ħadd, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa**
7.30 p.m. Toħroġ l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, li tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V, bid-daqq ta' l-"Ave Maria" u bl-Innu Marċi. Wara, l-istess Banda, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri A.Mus. L.S.M., tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ġdid ta' marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Triq San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa għall-Pjazza tal-Knisja.
**It-Tnejn, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**
7.30 p.m. Wara l-quddiesa, issir ċeremonja kommemorattiva u tqegħid ta' kuruni minn membri tas-Soċjeta', fuq il-monument tal-vittmi Imqabbin ta' l-aħħar gwerra dinjija, li jinstab mal-ġenb tal-Knisja Parrokjali.
8.30 p.m. Il-Banda "12th May" ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt it-tmexxija ta' Mro. Henry Camilleri, L. Mus. L.C.M., tagħmel marċ li jibda' minn Dawret l-Imqabba u jkompli hekk kif ġej: Triq il-Murselli, Ħal-Kirkop, Diamond Jubille Square, Triq Santa Katerina għall-Pjazza, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jispiċċa quddiem il-Każin.
**It-Tlieta, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
8.30 p.m. Il-Banda Aniċi ta' Ħal Qormi, taħt it-tmexxija ta' Mro. Frank Galea, F.L.C.M., tibda l-marċ tagħha minn quddiem il-Każin u wara tkompli tferraħ dawn it-toroq li ġejjin, b'sett ta' marċi brijużi : San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Ħarriġiet, Dawret l-Imqabba, Triq Karmenu Ċiantar, Santa Marija, Santa Katerina u l-Pjazza tal-Knisja.

# TA MARIJA - MQABBA, 1992

## T FIL-KNISJA

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**

8.15 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija, mmexxija mill-W.R. Mons. Amante Buontempo. Quddiesa Solenni mill-W.R. Patri Joseph Ghigo S.J, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 15 ta' Awissu - Jum il-Festa**

5.30 a.m. Quddiesa Letta.

7.00 a.m. Quddiesa Letta.

8.00 a.m. Kant Solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikali mmexxija mill-W.R. Mons. Amante Buontempo, li jinseġ ukoll il-Paniġierku.

10.30 a.m. Quddiesa Letta.

11.30 a.m. Quddiesa Letta.

12.30 a.m. Quddiesa Letta.

6.00 p.m. Sekondi Vespri Solenni mill-W.R. Mons. Amante Buontempo, Salve u Litanija.

7.15 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa Artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, mmexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**N.B.** **(1) Il-Ġimgħa, lejliet il-Festa, fil-għodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.**

**(2) Il-Mużika tat-Tlett Tridijiet, Lejliet u nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea. O.P.**

**Is-Sibt, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## NIIET ESTERNI

**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

8.30 p.m. Il-Banda "Maria Mater Gratiae" ta' Ħaż-Żabbar, taħt it-tmexxija ta' Mro. Raymond Sciberras F.L.C.M., L(Mus)L.C.M., tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Sqaq l-Isptar, Triq Mikelanġ Sapiano, il-Kileb, Santa Katerina, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, Diamond Jubillee Square, Triq Hal-Kirkop, Triq il-Murselli, Dawret l-Imqabba, Triq Karmenu Ċiantar għall-Pjazza tal-Knisja.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu - L-Aħħar Jum tat-Tridu**

8.30 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri A. Mus, L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda' minn Triq il-Parroċċa, għall-Pjazza, Triq San Bażilju u jispiċċa quddiem il-Każin.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**

7.00 p.m. Marċ mill-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa, taħt it-tmexxija ta' Mro. Dr. Charles Zammit, illi jgħaddi hekk kif ġej: Triq il-Pal, Troll, Sejba, Santa Katerina, Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, Valletta, il-Karmnu għall-Pjazza quddiem il-Każin.

9.00 p.m. Marċ mill-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq illi jibda minn Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin, fejn wara, taħt id-direzzjoni tas-Surmast A. Farruġia, A(Mus) L.C.M. tesegwixxi Programm Mużikali.

**Is-Sibt, 15 ta' Awissu - Il-Għid ta' l-Assunta**

10.15 a.m. Wara d-Daqq tal-Glorja, il-Banda Re Ġorġ V, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa , għall-Pjazza quddiem il-każin.

5.30 p.m. Il-Banda Unjoni tagħmel marċ li jibda minn Triq Valletta għal Triq il-Karmnu u l-Pjazza.

6.00 p.m. Il-Banda "Queen Victoria" tagħmel marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa għall-pjazza.

7.15 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija, xogħol l-istatwarju famuż Xandru Farruġia. Il-Banda Unjoni tilqa' l-istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-"Ave Maria" u wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda "Queen Victoria" tesegwixxi INNU LIL MARIJA AS-SUNTA, versi ta' Patri J.M. Ghigo S.J., u mużika ta' Mro. G. Martin A(Mus) L.C.M., O.S.T.J. Ikantaw it-tenur Brian Ċefai u l-Baritonu Joe Huber L.R.S.M., flimkien mal-Kor tax-Xebbiet tas-Soċjeta'. L-istess Banda wara tkompli l-Programm Mużikali tagħha.



# IS-SOĊJETA' TAGĦNA U L-FAMILJA RJALI



Ir-Re Ġorġ V



Ir-Reġina Elizabetta II

***Rabta storika li laħqet il-qofol tagħha waqt iż-Żjara Rjali, f'Mejju li għadda.***

**L-EWWEL ŻMINIJIET TAS-SOĊJETA'**

Għall-ħabta ta' l-1905, fil-lokal numru 2, Triq il-Karmelu, bdew jiltaqgħu l-ewwel membri tal-Każin Soċjali Santa Marija, u ħatru bħala President lis-Sur Pawlu Caruana (ta' l-"Ave Maria") u bħala President Onorarju lill-Avukat Filippu Pulliċino mill-Imdina. Iżda fl-1910, il-każin mar fil-lokal numru 31, Pjazza tal-Parroċċa. Kien propju f'din is-sena wkoll li, f'seduta ġenerali, ġie deċiż li, sabiex jibqa' mfakkar il-bidu tar-renju tar-Re Ġorġ V, l-isem jinbidel għal dak ta' "King George V".

**IL-FAMILJA RJALI U MALTA FIL-BIDU TAS-SEKLU GĦOXRIN**

Wara r-renju ta' aktar minn 63 sena tar-Reġina Vittorja, wiret it-tron Ingliż binha, ir-Re Dwardu VII, fil-bidu ta' das-seklu jiġifieri fl-1901. U propju f'din is-sena wkoll insibu li seħħet l-ewwel żjara Rjali ta' das-seklu lill-gżejjer Maltin; mhux tar-Re Dwardu VII iżda tat-tifel tiegħu, il-Prinċep ta' Wales, Ġorġ, li dak iż-żmien kien id-Duka ta' Cornwall u York, akkumpanjat minn martu, l-Prinċipessa Mary ta' Teck, li aktar tard saret ir-Reġina Mary. L-importanza strateġika ta' Malta kif ukoll ir-rabta ma' qalb il-familja Rjali f'dawn iż-żminijiet insibuhom ikkonfermati permezz ta' mhux anqas minn tlett żjarat uffiċjali tar-Re Dwardu VII fuq medda qasira ta' disa' snin: dawn seħħew f'April ta' l-1903, meta tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-"breakwater", fl-1907, meta flimkien ma martu r-Reġina Alexandra għamlu żjara għall-għarrieda, u fl-1909, meta ta dekorazzjoni għolja (u fl-istess ħin storika) lill-Isqof ta' Malta (u allura Dinjitarju tal-Knisja Kattolika). F'din l-aħħar żjara, ir-Re Dwardu kien fetaħ ukoll l-Isptar Connaught, li kien ġie ffinanzjat minn ħuh. Kien hemm il-ħsieb illi ssir żjara oħra tar-Re s-sena ta' wara, iżda din ma laħqetx saret minħabba mewtu propju fl-1910. Issuċċedieh ibnu Ġorġ, li ġie nkurunat Re fl-1911. Dan il-persunaġġ irjali, illi l-ewwel soċji tagħna xtaqu li jibqa' mfakkar billi ddedikawlu isem is-Soċjeta', reġa' żar Malta, issa bħala Re, f'Jannar ta' 1912. Flimkien mar-Reġina Mary, huwa kien mar jagħmel żjara l-Indja u fi triqtu lura, għadda jżur xtutna. L-istorja tgħidilna illi kien ingħata laqgħa kbira mill-Maltin, hekk kif niżel il-vapur sabiħ li kien fuqu tal-P. & O. Medina. Matul il-kumpalment tas-seklu, sa din is-sena stess, ir-Renjanti Ingliżi kollha żaru Malta.

**NHAR ID-29 TA'MEJJU, 1992**

Għalgħexieren ta' snin, il-Maltin kienu jħarsu lejn il-qawwiet Ingliżi b'rispett kbir illi llum ftit li xejn qajla jinħass, ħtija tat-tibdil politiku/soċjali li kkaratterizża l-aħħar tletin sena. Anki jekk stess inqalgħu il-problemi, speċjalment waqt il-perjodi ta' transizzjoni ta' wara l-gwerra, ħadd ma jista' jiċħad il-fatt illi dan is-sens ta' rispett reċiproku bejn iż-żewġ popli qatt ma naqas, u b'mod partikulari lejn il-familja Rjali. F'dan il-kuntest irridu npoġġu d-deċiżjoni li ħadu missirijietna meta bidlu isem il-każin: bħala sens ta' prestiġju u fl-istess ħin rispett. Kien hemm okkażjonijiet meta, waqt xi seduta ġenerali, ġieli tqajmet il-kwistjoni ta' l-isem tal-każin biex jinbidel, iżda f'kull żmien, din ma sabitx l-appoġġ neċessarju u dejjem spiċċat fix-xejn. B'hekk, dan l-isem hekk onorabbli bqajna nżommuh sal-lum, anki wara r-reviżjoni ta' l-Istatut tas-sena l-oħra. Illum, b'wiċċna minn quddiem ngħidu illi "ż-żmien tana raġun", għaliex nhar id-29 ta' Mejju li għadda, is-Soċjeta' tagħna ġiet onorata bl-istedina uffiċjali sabiex l-E.T. ir-Reġina Elizabetta II tiltaqa' ma delegazzjoni minn tagħna, waqt iż-żjara statali tagħha. ***Dawk il-ftit minuti flimkien ma' l-ogħla rappreżentanta tal-Familja Rjali kienu altru minn biżżejjed biex dik ir-rabta li dejjem żammejna u r-rispett li dejjem urejna tul dawn l-aħħar 82 sena ġew rikonoxxuti għal dejjem.*** L-interess speċjali li sew ir-reġina kif ukoll id-Duka ta' Edinburgh (ir-raġel tagħha) urew lejn is-Soċjeta' li konna qegħdin nirrapreżentaw, waqt dawn il-mumenti storiċi għalina, ssorprendew mhux biss lilna iżda anki lill-fotografi preżenti li litteralment għamewna bit-tibriq tal-"flashes" tagħhom, l-aktar x'ħin ir-Reġina qalgħet idha biex tmiss ir-rakkmu tal-istandard. Meta l-President spjega 'l Majesta tagħha kif u meta twaqqfet is-Soċjeta', dehret kuntenta ħafna li l-isem ta' nannuha bqajna nirrispettawh, u tatna l-awguri għall-ġejjieni. Min-naħa tad-Duka, billi kien jaf fejn hi l-Imqabba, ried ikun jaf aktar dwar ir-raħal u, b'mod partikulari, dwar il-banda, li talabna biex nibqgħu ngħożżu u nseddqu.

Permezz ta' dawn il- ftit paragrafi, irrid nuri, barra l-isfond storiku, l-apprezzament tiegħi u ta' sħabi fil-kumitat lil dawk kollha qabilna li matul iż-żmien stinkaw u ħadmu biex l-eżistenza ta' l-**Ewwel Soċjeta' Mqabbija**, dik magħrufa bl-isem prestiġjuż ta' Re Ġorġ V, ma spiċċatx fix-xejn, anzi kompliet tikber, tissaħħaħ u ssir aktar magħrufa mhux biss f'pajjiżna iżda anki saħansitra 'l barra minn xtutna.

Fil-paġna biswit tidher il-Majesta' tagħha r-Reġina Elizabetta II tammira s-sbuħija tal-istandard il-prim tas-Soċjeta', li kien inħadem għand is-sorijiet taż-Żejtun fl-1953. (Ritratt: D.O.I.)

**REFERENZI** - Minuti tas-Seduti Ġenerali mill-1933 'l hawn; A.E. Abela. "Royal visitors over the years", The Times May 28-30, 1992.

**A. Camilleri**
**B. Mech. Eng. (Hons).**

# PROGRAMM TAL-HRUQ TAN-NAR

**Il-Ħamis, 30 ta' Luju - Ftuħ tal-Kwindiċina**

7.15 p.m. Mad-Daqq tal-Barka Sagramentali, isir ħruq ta' Murtali tal-Bomba, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-logħob.

9.30 p.m. Wara l-Programm Mużikali, ikun hemm ħruq ta' Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

**Il-Ħadd, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

12.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

7.30 p.m. Ħruq ta' Salut, Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-logħob.

9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

11.00 p.m. Ħruq tal-Logħob tan-Nar ta' l-Art.

**It-Tnejn, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

12.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

**It-Tlieta, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

12.00 p.m.. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

8.15 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-logħob.

9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

12.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

8.30 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-logħob.

9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

11.30 p.m. Ħruq tal-Logħob tan-Nar ta' l-Art.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**

9.00 a.m. Mad-Daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-logħob.

11.45 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

6.30 p.m. Toħroġ it-Translazzjoni Solenni. Ikun hemm ħruq ta' Salut, Kaxxa Nfernali, u diversi settijiet ta' Murtaletti bil-logħob.

9.45 p.m. Spettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-Ajru li jinkludi: Ħruq ta' Salut tal-lampjun, Sfejjer bil-logħob, Blalen, Murtali tal-Beraq Pront/Beraq tal-kulur bil-logħob u Murtali tal-Kulur.

11.30 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-nar ta' l-art oriġinali u mekkaniżat.
Wara jkun hemm ħruq ta' kaxxa tal-kulur.

**Is-Sibt, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

9.30 a.m. Mad-Daqq tal-Glorja, ikun hemm ħruq ta' Murtali tal-bomba, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-logħob.

11.45 a.m. Tifkira tad-Daħla Storika tal-"Convoy" ta' Santa Marija billi mad-Daqq tas-Sereni, jkun hemm ħarqa kbira Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-logħob.

6.00 p.m. Waqt li l-Baned mistiedna jkunu jagħmlu l-marċi respettivi tagħhom, ikun hemm ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti bil-logħob.

7.15 p.m. Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, jiġi sparat Salut. Ħekk kif l-istatwa Artistika tal-Patruna tar-Raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u titkanta l-"Ave Maria", tinħaraq il-Musketterija u l-kaxxa nfernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' Murtaletti bil-logħob, li jakkumpanjaw il-Purċissjoni.

9.30 p.m. Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, ikun hemm ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

10.15 p.m. Ħruq ta' Kaxxa Nfernali tal-Kulur ma tmiem il-Purċissjoni.

**Bħas-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-Għaqda Delettanti tan-Nar "Santa Marija". Il-Kumitat Eżekuttiv jieħu din l-opportunita' biex, f'isem is-Soċji u l-Partitarji kollha, jirringrazzja u juri l-apprezzament kbir u sinċier tiegħu lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda-sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm speċjali seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-Kmamar tan-nar u waqt il-ħruq.**

# At Mid-Med we play to your tune




**Mid-Med Bank Malta's Largest Bank is determined to play to your tune. The number of banking services it offers from its network of modern and up-to-date offices are tailor-made for you.**

| | |
|---|---|
| Current Accounts | You get a Cheque Book to pay your bills in comfort and a Quikcash Card to be able to use the Quikbank - 24 hours a day. |
| Savings and Deposit Accounts | Your money is safe and secure while working for you. 3% p.a. on Savings payable on demand; 5% p.a. if you deposit it for one year; 5¼% p.a. for two years and 5½% p.a. for three years. |
| Foreign Currency Accounts | If you can hold Foreign Currency you can earn high interest. See the newspapers for current rates. |
| Loans | Mid-Med provides you with that extra cash required to expand your business, make that extra improvement to your house or to finance any project. |

*Whatever your banking requirements go to the Bank that plays to your tune - call at one of the Mid-Med Bank Offices.*

**Mid-Med - *Better Banking for You***

**Mid-Med Bank Ltd**

*A Network of Branches throughout Malta and Gozo*

**JOSEPH FERRIGGI**

SUPPLIER OF:

- SISAL ROPES (TAL-PONT)
- NYLON ROPES & TWINES
- MARINE TERELYNE ROPES
- HEMP ROPES
- HEMP TWINES (Spag tan-Nar)
- COTTON TWINES (Tan-Niċċa)
- BROWN BRAIDED (Tal-Konzijiet)
- MACRAME TWINES
- CORD BRAIDED (Blinds)
- PACKING TWINES
- JUTE TWINES Etc........

68B ST. CATHERINE STREET,
or 'ST CATHERINE' JOHN BORG
STREET, ŻEJTUN
TEL: 878439

*The best in Video entertainment*
OVER 3000 TITLES




27, Cospicua Rd., Paola - Tel: 692997

**CARMEL VELLA**

Labour Ave. Naxxar
Tel: 412469
412061



*Asphalting*
*Ready Mix Concrete*
*Bricks - Sand - Torba*

**FRIDA TRANSPORT SERVICE**

By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860

Għal kull xorta ta' transport

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba

# GIOACCHINO ROSSINI: IL-KOMPOŻITUR TAS-SENA

**Hekk kif is-sena l-oħra, f'egħluq il-bicentinarju mill-mewt tal-kbir kompożitur Awstrijak Wolfgang Amadeus Mozart, aħna l-kummissjoni banda tagħna lis-Surmast tagħna Mro. A. Camilleri. A. Mus. L.S.M. biex jagħtina ftit informazzjoni fuq dan il-persunaġġ uniku fl-istorja mużikali, hekk ukoll għamilna din is-sena, f'egħluq il-bicentinarju mit-twelid ta' kompożitur ieħor xejn anqas kbir u uniku: GIOACCHINO ROSSINI**



*Gioacchino Rossini lejn l-aħħar ta' ħajtu*

"....l-istejjer u l-ġrajjiet li nkitbu fuqi huma mimlija gideb u assurditajiet li ma niflaħx naqrahom u nismagħhom!" Hekk mar jikteb Gioacchino Rossini, ta' 70 sena, lill-ħabib tiegħu minn Modena fl-1862, mill-villa tiegħu ġewwa Passy qrib Pariġi. Fil-fatt, hekk hu għaliex minn meta 33 sena qabel, fil-quċċata tal-karriera mużikali tiegħu, ħasad lid-dinja bl-aħbar li kien ser jabbunduna għal kollox il-kompożizzjoni, l-istejjer fuqu u fuq ta' madwaru ma qatgħu xejn.

## It-Tfulija

Intant, Gioacchino Rossini twieled nhar id-29 ta' Frar, 1792, fid-dar numru 334 ġewwa "Via del Duomo" f'Pesaro - port fl-Adrijatiku. Missieru, Guisppe Antonio Rossini, imlaqqam "il-vivazza" (li tfisser "fuq tiegħu") kien minn Lugo, u żżewweġ lil Anna Guidarini, tifla ta' furnar. It-twelid taċ-ċkejken Rossini kien skandlu għal dak iż-żmien minħabba li seħħ wara biss 5 xhur miż-żwieġ ta' din il-koppja. Wara li fl-1799, minħabba l-idejat konflinġenti fir-rigward tas-Santa Sede, missieru kellu jqatta' 10 xhur ħabs u b'hekk tilef xogħlu, kellhom ikunu t-talenti mużikali ta' din il-familja illi ggarantewlhom għixien diċenti: missieru kien idoqq il-flikornu filwaqt li ommu kienet tkanta fuq il-palk bħala "seconda donna". B'hekk, ta' eta' żgħira, Rossini kellu x-xorti jkun għal ħin twil espost għall-mużika: kien jismagħha d-dar, kien jismagħha meta jkun mal-ġenituri tiegħu fuq xogħolhom u hu stess, billi kellu vuċi ħelwa u kien idoqq sew il-vjola kif ukoll il-"harpsichord" - li minnu wara ħareġ il-pjanu - kien jakkumpanja l-ġenituri meta kien ikun meħtieġ. Biex tgħaqqadha, anki meta kien ikun fuq il-minfaħ tal-ħaddied kien iħossu f'atmosfera mużikali tant illi aktar tard f'ħajtu stqarr "....kien ta' siwi kbir għalija dan ix-xogħol għax permezz t'hekk tgħallimt inżomm ir-ritmu".

## "....diżunur għal din l-iskola"

Hekk kif beda jrabbi ftit tas-sens, iddeċieda li jieħu l-mużika b'aktar serjeta', tant li mar jistudja l-vjonlinċell u l-kompożizzjoni fil-Konservatorju ta' Bologna fejn, grazzi għall-vuċi tajba tiegħu, ma damx wisq ma sab ruħu soċju fil-"Filarmonica". Beda wkoll jattendi għall-klassi tal-famuż Padre Mattei, illi miegħu ma tantx kien jinġieb. Sadanitant, sħabu kienu laqqmuh it-"Tedeschino" minħabba li kien miġnun fuq Haydn u Mozart, u meta sew il-finanzi kif ukoll ir-relazzjoni ma' l-għalliem tiegħu ħżienu ferm, iddeċieda li jabbanduna l-istudju "....biex naqla x'niekol għalija u għall-ġenituri tiegħi." Wiċċ l-għalliem aħrax tiegħu ħa d-dawl wara din ir-riżenja għax fl-opinjoni tiegħu "Rossini kien ta' diżunur għal din l-iskola."

## Id-debutt u l-ewwel suċċessi.

Iżda bl-għajnuna tal-koppja ta' mużiċisti Morandi, is-"San Moise" ta' Venezja kellu jara d-debutt ta' Rossini bħala kompożitur professjonali. Din il-ġrajja tirreferi għad-data tat-3 ta' Novembru ta' l-1810, meta kien għad kellu biss 18-il-sena: dak in-nhar, il-mużiċisti ma fehmux l-istil tal-kompożizzjoni tant illi ġġudikawha bħala storbjuża u bla sens - u Rossini spiċċa waħda f'kamartu jibki. Il-librett kien il-ħtija kollha tal-kritika li qalgħet l-"Equivoco Stravagante" ta' l-1811, għaliex il-mużika kienet intlaqgħet tajjeb. Is-suċċess kien qiegħed iberraq u fil-qrib u hekk insibu illi bl-"Inganno felice" ta' l-1812 stabilixxa ruħu mal-kbar. B'dan ir-ritmu li kien qabad u grazzi wkoll għar-rakkomandazzjoni tal-kontralto famuża Maria Marcoli, m'għandniex għalfejn nieħduha bi kbira meta ngħidu illi bis-seba' opra tiegħu. "La Pietra del paragone" ta' l-istess sena, wasal fit-tempju tal-lirika mondjali, fl-"Alla Scala" ta' Milan u kellu trijonf kbir. Hawnhekk ta' min wieħed isemmi li kien propju fil-final ta' din l-opra illi Rossini esperimenta l-"Crescendo" famuż tiegħu, u li mill-ewwel qajjem eċitament qawwi fost l-udjenza li laqgħetu bi ħġarha. Il-fama tiegħu kienet tant kibret u xterdet ma' l-erbat irjieħ ta' pajjiżu illi anki jekk stess xi opra ma kinetx tintogħġob, bħal fil-każ tas-"Signor Bruschini", kien f'pożizzjoni illi jiflaħ għal daqqiet ta' din ix-xorta; u jirkupra malajr il-popolarita' li seta' tilef-biex inżommu

X'QED TISTENNA BIEX
TIBGĦAT L-ISBAĦ RIGAL
TAL-FESTA LIL
QRABATEK
JEW LIL ĦBIEBEK
IMSEFRIN?

IXTRI "CASSETTE" TA'
MARĊI ĠODDA
**ISSA**
W IBAGĦTU MINNUFIH




# EMMANUEL'S

IRONMONGERY & HOUSEHOLD
ELECTRICAL & WATER FITTINGS

SACRED HEART STREET,
BUĠIBBA - TEL: 580707

MOSTA ROAD, ST. PAUL'S BAY

TEL: 573697

l-istess eżempju, permezz tat-"Tancredi", li fiha tispikka l-istrumentazzjoni effettiva tal-injam, u "L' Italiana in Algieri", li żgur tibqa' waħda mill-aqwa opri "Buffi".

### L-ewwel imħabba.

Nhar San Stiefnu ta' l-1814, Rossini telaq lill-Italja ta' fuq bi fjask: l-opra "Sigismondo". Hawnhekk, il-kompożitur jgħidilna illi n-nies, allavolja xebgħu jisimgħu din l-opra, baqgħu hemm sa l-aħħar bħala turija ta' rispett u "b'dan l-aġir ħassejtni kommoss għall-aħħar". Ġie msejjaħ Napli biex jidderieġi s-"San Carlo u l-"Fondo", bil-patt illi jikteb żewġ opri ġodda fis-sena. Il-belt stennietu fost suspetti u ansjeta' kbira iżda bl-"Elisabetta, regina d'Ingilterra", kellu suċċess u tahom risposta. Kien hawnhekk li ltaqa' ma dik il-mara li kellha tikkondizzjonalu ħafna mill-bqija ta' ħajtu, ċerta Isabella Colbran, soprana, mwielda Madrid u seba' snin akbar minnu. Fil-bidu kienet il-maħbuba tal-famuż impresarju Dominico Barbaja, iżda ż-żagħżugħ Rossini ma tantx dam ma rebaħ imħabbitha. Il-kittieb Rossinjan Stendahl jgħidilna: "Kienet diżgrazzja li f'Napli kellu jsib lis-sinjura Colbran reġina tat-tejatru; iżda diżgrazzja akbar kienet dik li sar iħobbha!". Fil-fatt, ħafna kritiċi jsostnu illi billi fl-opri kollha li kkompona fil-perjodu li dam Napli raw lil Colbran (li f'dak iż-żmien il -possibiltajiet vokali tagħha kien qabdu n-niżla sew) bħala "primadonna", Rossini kellu jaddatta l-mużika tiegħu għar-reġistru vokali tagħha u b'hekk kien sa ċertu punt marbut. Nhar it-22 ta' Marzu ta' l-1822, huma żżewġu f'Castenaso qrib Bologna, wara l-"ħarba" minn Napli. F'dan il-perjodu wkoll, ġieli żar Ruma; fosthom dik tal-famuża "prima" tal-"Barbieri di Siviglia", ta' l-20 ta' Frar 1816, illi ssarrfet fi fjask kbir. Kien iż-żmien ukoll illi dehru l-"Otello", il-"Mose` in Egitto" u l-"La Donna del Lago": f'din ta' l-aħħar jinħass għall-ewwel darba dak il-fil romantiku illi saħansitra wasslet biex il-famuż kittieb Giacomo Leopardi jistqarr hekk: "Hi opra mill-aqwa u kien żgur joħroġli d-dmugħ minn għajnejja li kieku dan id-don tal-biki ma ġiex meħud minni".

### Jiltaqa' ma Beethoven

Fl-1822, Rossini flimkien ma martu, rħielha lejn Vjenna fejn laqgħuh bil-kbir. Episodju ieħor fejn nafu li Rossini beka' kien hu u ħiereġ minn għand Beethoven (li kien jirreferi għalih bħala "l-aqwa fost kulħadd" u kien jispirah jikteb ħafna "Barbieri"), wara żjara li għamillu. Kien f'dan iż-żmien ukoll li ttanta jtella' opra f'Londra iżda kollox sfuma fix-xejn biex spiċċa Pariġi, jidderieġi t-"Teatro Italiano" għal salarju fenominali ta' 20,000 frank fis-sena. Il-perjodu Pariġin fetħu b'rapreżentazzjoni ddedikata lir-Re Karlu X u għalqu b'żewġ kapolavuri kbar: "Mose`", li waqt il-provi tagħha waslitlu l-aħbar tal-mewt t'ommu, u l-"Guglielmo Tell", bit-Tenur Duprez joħloq id-"Do di petto". Dawk li fil-bidu tal-waqfa tiegħu hawnhekk kienu kontrih qatta' bla ħabel - kienu jippruvaw jirridikulawh billi jsejħulu "Monsieur Fracasso" u "Monsieur Crescendo" - issa għosfru u spiċċaw fix-xejn. Ibda minn Hector Berlioz, l-akbar għadu feroċi li kellu, li kien lest saħansitra jagħmillu bomba taħt il-palk fejn kienet qed issir il-"Barbiere", issa ammetta l-ġenju mużikali ta' Rossini.

### Ħasad lid-dinja

Wara, segwa s-silenzju misterjuż. Huma ħafna l-verżjonijiet li nkitbu biex jippruvaw jagħtu r-raġuni ta' dan. Hemm min igħid li kien ġemma' kemxa ġmielha u billi kien għażżien "di natura" (l-istorja tgħidilna li, biex ma jqumx mis-sodda u jġib pagna mimlija mużika li kienet żelqitlu minn fuq il-friex, kien kuntent jerġa' jikkomponiha mill-ġdid), iddeċieda li joqgħod jgħix ta' sinjur, il-bogħod mill-ħajja mgħaġġla u mqanqla tat-tejatru. Hemm min jgħid ukoll li kienu tfaċċaw kompożituri oħra li serqulu x-xena (bħal Giacomo Meyerbeer) u għalhekk ħass li kellu jwarrab u ma jikkompetix magħhom, kif ukoll minħabba nuqqas serju ta' idejat u kreattivita' mużikali, ħtija forsi ta' mard. Biss, minn kitbietu, Rossini nafu li kienet ix-xewqa tiegħu li jerfa' mill-kompożizzjoni. Hekk insibuh jikteb fl-1866, lil ħabib tiegħu ċertu Giovanni Pacini: "Tink-wetax; jien qtajtha li nitlaq il-karriera (mużikali) Taljan fl-'1822 u dik Franċiża fl-1829; huma ftit dawk li jindunaw b'dan il-bżonn; Alla għoġbu jurihuli u ta' dan jien kuljum nirringrazzjah". Huwa veru wkoll illi, bejn l-1842 u l-1857, kien marid u kellu problemi familjari oħra. Kitbietu jerġgħu jikkonfermaw dan l-istadju f'ħajtu meta fl-1852, insibuh jikteb hekk lit-tenur Donzelli:"Insejt, ħabib tiegħi, f'liema nixfa ta' idejat u kreattivita' għaddej minnha bħalissa....Il-mużika tinħtieġ idejat friski: jien ma baqagħlix x'noffri ħlief dwejjaq...". F'kitba oħra, tliet snin wara, insibuh jiddiskrivi hekk il-kundizzjoni tal-biki li kien jinstab fiha: "Il-marda li ilha tifnini tul dawn l-aħħar 13- il-xahar qatgħetli l-aptit ta' l-ikel, ta' l-irqad, għarqitli s-smigħ u l-vista u ġabitni f'pożizzjoni illi l-anqas nista' nitħażżem waħdi".

### L-aħħar xogħlijiet kbar

Issa, miegħu insibu lit-tieni mara ta' ħajtu, ċerta Olimpie Pelissier, li kien iltaqa' magħha waqt viżta fi klinika fl-1832. Kienet mara b'passat imħawwad iżda b'qalb tad-deheb; f'Rossini kienet tara l-idolu ta' żgħożitha. Iżżewġu fl-1847, wara l-mewt tal-Colbran illi Rossini kien telaq 10 snin qabel. Fl-Italja issa kien meqjus bħala segwaċi ta' l-għadu/reġim Awstrijak, u kellu "jiddivorzja" darba għal dejjem minn pajjiżu: "Fiż-żmien tal-lum, huwa aktar aħjar li jkollok il-fama li qtilt lill-ġenituri milli li tkun sinjur", tgħid kitba minn tiegħu. Fost dal-ħafna problemi u qtigħ il-qalb, irnexxielu jikteb "Stabat Mater" mill-aqwa u, aktar tard fl-1863, meta stejqer xi ftit, ikkompona l-famuża "Petite Messe Solennelle", li għada meqjusa bħala waħda mill-aqwa xogħolijiet reliġjużi tas-seklu dsatax. Din fiha dedikazzjoni ħelwa li taqra: "Alla ħanin, għadni kif lestejt din il-quddiesa żgħira u fqira tiegħi.... Kif taf Int, jien twelidt għall-opra komika ("buffa")....Bi ftit duttrina u b'naqra qalb, dak kollox! Ikun imbierek ismek għal dejjem u Int agħtini l-ġenna".

### Il-mewt ma taħfirha lil ħadd

Rossini miet wara li kien ilu jsofri minn forma ta' tumur, nhar it-13 ta' Novembru, 1868. Kellu funeral mill-aqwa, daqs ta' sovran, u ġie ċċelebrat nhar il-21 ta' Novembru, imħallas mill-istat, skond ix-xewqa ta' l-istess Napuljun III, u ndifen ħdejn Bellini u Chopin. Fl-1887, reġa' sarlu funeral kbir ieħor, li l-istorja tgħid illi nvolva 6,000 ruħ u erba' baned militari. Jakkumpanjaw il-purċissjoni kien hemm kor ta' 300 ruħ li tul it-triq kantaw it-talba mill-opra tiegħu "Mose`". Ftit qabel miet, Rossini stqarr: "Nista qiegħed nonqos jew niżbalja, iżda minni għandu jibqa' biss il-"Barbiere" kollu, it-tieni att tal-"William Tell" u t-tielet ta' l-"Otello". L-Oħrajn kollha jistgħu jintesew għax ma jimpurtanix minnhom"

**Mro. A. Camilleri, A. Mus. L.S.M.**
**Surmast/Direttur**
**Mejju '92**

# J.B. STORES TEXTILES

**CAN OFFER YOU A LARGER SELECTION OF DRAPERY**

*Fabrics for all occasions*

**Curtains**
**Bed Sheets**
**Fitted**
**Carpets**

**Furnishings,**
**Rugs**
**& Towels**

**Haberdashery**

**READY MADE GARMENTS**

**J.B. STORES, L'IKLIN ROAD, LIJA.**

**Tel. 435537, 435491, 413891 - Fax 435475**

## IL-15 TA' AWISSU, 1942

Biża', talb u mewt,
Kienu l-ħobż tagħna l-Maltin.
F'dawk iż-żminijiet hekk ta' qilla mill-barranin:
Ta' kuljum il-ġara tagħna kienet tibgħat
Lil uliedha, biex jaħbtu għall-imsejkna artna.
Mir-rikażli u minn Sant' Iermu kont tisma' t-tifqiegħ tal-qerda,
Waqt li t-talb tal-Maltin ħerqana,
B'fidi kbira ma waqafx.
Iżda waslet il-ġurnata li minn Ġibilta' għaddiet,
Il-manna għall-Maltin.
Santa Marija kienet refgħetna mid-dulur u l-mewt.
U ta' dan, kien hemm ferħ kbir,
Li qatt ma seta' jitqies.
Il-"Convoy" sa fl-aħħar wasal, u miegħu it-tisħiħ.
U għal kull mewġa li beda jofroq,
Qanpiena bdiet tgħanni,
L-istess għanja ta' tifħir,
Li llum qed noffri lil Assunta jien.

**FRANKIE AGIUS.**


# PANDA
## GIFT-SHOP
Triq Karmenu Ciantar – Mqabba

Fejn issibu:
**Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijiet utili oħra.
**Issibu wkoll** linef; silver plated jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

**Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-**

# PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom. Naċċettaw Wedding List

# L.L.F

## GRANITE & MARBLE WORKS

Industrial Estate, Luqa

Tel: 246878

*For Stairs, Kitchen Tops, Fireplaces & Facades*

Tel: 687868 Marsascala

Tel: 685014 Mqabba









## SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (1)
## BANDA "12th MAY"
## ŻEBBUĠ

**SETT TA' MARĊI LI SE JINDAQQU**
**NHAR IT-TNEJN, 10 T'AWISSU**

| | |
|---|---|
| Allegri | Mro. H. Attard |
| Lil-Kumitat | Mro. R. Fenech |
| Josienne | Joseph Farruġia |
| Magnus | Mro. A. Coleiro |
| A Small Big Step | Mro. Ph. Gatt |
| Nemaryel | Noel Chircop |
| Il-Paċi | M. L. Bonniċi |
| Lill-Ħbieb | Kenneth Frendo |
| Lil San Filep u ż-Żebbuġin | Joe Tanti |
| Dorienne | Mro. P. P. Ċiantar |
| Our Detroiter | Mro. A. Attard |
| Ta' Gerrew | Maj. A. Aquilina |
| Lir-Rebbieħ ta' Aġġira | Mro. A. Gatt |
| La Vincitrice | Mro. A. Coleiro |
| Fiesta | Maj. A. Aquilina |
| Our Patron | Mro. Ph. Gatt |
| It-12 ta' Mejju, 1962 | Mro. A. Attard |

**MRO. HENRY CAMILLERI L, Mus. L.C.M.**
**SURMAST/ DIRETTUR**


# LINDA STORES

**Mons. P.P. Saydon Str., Żurrieq**

**Tel: 827215**

***Prop. P. Cardona***

**Għal dak li tiġi bżonn biex tarma darek,**
**l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - Żurrieq**

**hemm issibu:**

**Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronze**
**Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines**
**Mixers - Videos & Colour Televisons.**
**Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.**
**Kollox bi prezzijiet imraħħsa**
**Ħlas bin-nifs aċċettat.**

# SCICLUNA FLORIST



**Garden Centre**
**Bronja Street**
**Żurrieq**
**Tel: 829621**

For:... *Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...*




*Consult us on any custom built F.R.P. Structure.*

**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD.**
GUDJA RD., GHAXAQ. TLX: 1575 SICRAF MW.

TEL: 878046
/821975

## SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (2)
## BANDA " ANICI"
## QORMI

### SETT TA' MARĊI LI SER JINDAQQU
### NHAR IT-TLIETA, 11 T' AWISSU

| | |
|---|---|
| 23 ta' Ġunju, 1991 | Mro. Frank Galea |
| Balfrendożan | Maj. Anthony Aquilina |
| Il-Baġis | Mro. Andrew Calleja |
| Laser | Mro. Paul Schembri |
| Emmar | Ivan Pace |
| Il-Martri ta' Lydda | Mro. Alfred Farruġia |
| Il-Ħalopp | Mro. Andrew Coleiro |
| Jonathan | Mro. Carmelo Caruana |
| Każin Ġdid | Mro. Emanuel Buġeja |
| Iċ-Ċinell | Mro. Frank Galea |
| La Vincitrice | Mro. Andrew Coleiro |
| Demm Ġorġjan | Mro. Sunny Galea |
| Agrigento | Mro. Andrew Coleiro |
| Wenzinos | Maj. Anthony Aquilina |
| Come on the Stripes | Maj. Anthony Aquilina |

**Mro. Frank Galea, F.L.C.M.**
**Surmast/Direttur**




SABA
QUALITY for LIFE
Black magic: SABA T 7282 PIP.
DIGITAL PIANOS
KAWAI
UPRIGHT PIANOS
Sole Agents
LTD.
Head Office: 19, Paola Square, Paola
Tel: 827733
Branches: 148 Paola Square, Paola Fax: 821557
10 City Gate, Valletta Tel: 236480
BOOSEY & HAWKES
MUSICAL INSTRUMENTS
BESSON
BUFFET Crampon PARIS
F.BESSON PARIS
W. Schreiber
KAWAI
s·u·p·p·o·r·t
300 Drumpattern
KAWAI

## SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (3)
## BANDA "MARIA MATER GRATIAE"
## ŻABBAR

### SETT TA' MARĊI LI SE JINDAQQU
### NHAR L-ERBGĦA, 12 T'AWISSU

| | |
|---|---|
| Sfilata Memorabbli | Mro. R. Sciberras |
| It-Tielet Rebħa Konsekuttiva | Mro. E. Buġeja |
| Come on the Blues | Maj. A. Aquilina |
| Play Ben | Mro. A. Mizzi |
| Forza Azzuri | Mro. R. Sciberras |
| St. Patrick | Mro. L. Borġ |
| Fabulous Ray | Mro. J. Mamo |
| Lill-Fergħa Nisa | Mro. M. Azzopardi |
| Viva l-Padruna | Mro.P. Schembri |
| Forza Għanab | Mro. R. Sciberras |
| Nero Azzuri | Mro. E. Buġeja |
| Aqueros | Mro. P. Borġ |
| China Town | Mro. J. Theuma |
| Best Reclute | Mro. R. Sciberras |
| Graziella | Mro. A. Coleiro |
| Dilettanti tan-Nar | Mro. F. Żammit |
| Josette | Maj. A. Aquilina |
| L-iljun tad-Deheb | Mro. A. Coleiro |
| Supremazija | Mro. A. Coleiro |
| Il-Ħaxken | Mro. R. Sciberras |
| 40 Sena Nkurunata | Mro. H. Dalli |
| Estrallados | Mro. R. Pisani |
| Inez | Mro. C. Mallia |
| Lill-Kumitat | Mro. R. Żammit |

**MRO. RAYMOND SCIBERRAS, F.L.C.M.**
**Surmast/Direttur**


# Galdes & Mamo Ltd.

81, ST. CATHERINE STREET, MQABBA. TELEPHONE: 683142

Agent for

# Royal Insurance

undetakes all classes of Insurance including:

• MOTOR • BURGLARY • MARINE • PLATE GLASS
• FIRE • EMPLOYERS' LIABILITY • TRAVEL
• YACHT & PLEASURE CRAFT • PUBLIC LIABILITY
• HOUSEHOLDER/HOUSEOWNER COMPREHENSIVE • PERSONAL ACCIDENT

**EXPRESS ALUMINIUM LTD.**



Manufacturers of All Types
of Aluminium Works.
Vertical Blinds and Soffits.
Specializes in Circular Works.
(Complete Spiral Staircases)

WITH COMPETITIVE PRICES

Mdina Road, Żebbuġ - Malta

Tel: 461078, 465110

# PET CARE

**Kull ma trid għall-ġnien u għar-Raba,sustanzi etc.**
**Għall-Pets Mediċini għall-annimali kollha.**
**Ġwies u affartijiet għall-kaċċa, insib u sajd,**
**ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,**
**qasab, snanar u swivels u**
**kaxxa tal-plastic tas-sajd etc.**
**Lanza, spag tan-nar, nasses u dqiq tal-ful etc.**

**QRENDI ROAD,**
**ŻURRIEQ**
**TEL: 828727**

# SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (4)
# BANDA "UNJONI"
# LUQA

## SETT TA' MARĊI LI SE JINDAQQU
## NHAR IL-ĠIMGĦA U S-SIBT 14 U 15 T' AWISSU

| | |
|---|---|
| Indri u Ġuża | Dr. Charles Żammit |
| Victory | Mro. J. Abela Scolaro |
| Josette | Mro. J.D. Żammit |
| L-Unjoni '92 | Paul Spiteri |
| Naxos Luqa | Mro. J. Theuma |
| Għaqda ta' l-Armar | Mro . J. D. Żammit |
| Ryanne | Mro. H. Attard |
| Il-Paddy | Mro. E. Buġeja |
| On a Theme by Endrigo | Mro. J. Theuma |
| National Day | Mro. J. Mamo |
| Silver Lining | Mro. V. Ċiappara |
| Carlin | Mro. J.D. Żammit |
| La Concordia | Carmel Sacco |

**Mro. Dr. Charles Żammit,**
**Ph.D., D. Mus, GLSM, FLSM, FLCM, FVCM, FCSM,**
**Cert. FBCM, Hon FNSCM, FWTC.**
**Surmast/ Direttur**

KINGFISHER
Bar & Restaurant



Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta
Tel. 827908





# ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD.

Taħlita ta' ċereali, ful u żrieragħ ta' kwalità maħsuba biex iżżomm il-ħamiem f'saħħtu u f'kundizzjoni tajjeb, tagħti dik l-enerġija u dawk is-sustanzi meħtieġa kemm waqt it-tiġrija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEFIRST kif ukoll fit-trobbija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEBRED.

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD**
PROVENDER MILLERS
VALLETTA ROAD, LUQA.
**Tel:236970 - 241735 - 243492 - 247202**

# SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (5)
# BANDA "QUEEN VICTORIA"
# ŻURRIEQ

## SETT TA' MARĊI LI SER JINDAQQU NHAR IL-ĠIMGĦA U S-SIBT, 14 U 15 T' AWISSU

| | |
|---|---|
| Demm Karmelitan | Mro. A. Farruġia |
| 150 Sena Fostna | Mro. E. Buġeja |
| Anna | Mro. J. Tanti |
| Padruna Universali | Mro. A. Farruġia |
| Lill-Kappillan Inglott | Mro. A. Camilleri |
| L-Iskultur Psaila | Mro. A. Farruġia |
| Lis-Surmast Direttur | Mro. A. Camilleri |
| Marika | Mro. E. Buġeja |
| Torjani | Mro. A. Farruġia |
| Felicia Anne | Mro. J. Chetcuti |
| Elizabeth | Mro. G. Aquilina. |

## PROGRAMMI MUŻIKALI

**NHAR IL-ĠIMGĦA, 14 TA' AWISSU:**

| | | |
|---|---|---|
| Intermezzo | In a Persian Market | Ketelby |
| Adagio | In Sol Minore | Albinoni |
| Suite No. 2 | L'Arlesienne | Bizet |
| Omaggio | Queen Victoria | Buġeja |
| Innu | Malti | Sammut |

**NHAR IS-SIBT, 15 TA' AWISSU**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Lil Santa Marija | Martin |
| Fantasia | Lohengrin | Wagner |
| Meditation | Ave Maria | Bach/Gounod |
| Omaggio | Queen Victoria | Buġeja |
| Innu | Malti | Sammut |

**Mro. Alfred Farruġia, A. Mus. L.C.M.**
**Surmast / Direttur**

JOE'S
PROFILE
ALUMINIUM

3, Valletta Road,
Żurrieq.

Tel: 829601

MARTIN MONREAL'S IRONMONGERY

Bronja Street,
Zurrieq
Tel: 68 24 35

* Issibu għall-bejgħ żebgħa ta' kull kwalità
* Varjetà ta' oġġetti utli għall-bini
* Kiri ta' Mixers, Jiggers u Crane

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

Primavera
DOLCERIA

SCHOOL STREET, TARXIEN TEL:816226

TORBA

TORBA GHAL TAHT IL-MADUM
U KONTRABJUT

IRRIKORRU

QUARRY 26 TA' KANDJA
L/O MQABBA

"TA' KAZZA"
(Hdejn il-Pumping Station)

# IL-ĠRAJJA QALBIENA TA' "OHIO"

L-aktar provvisti vitali għal Malta kienu bla dubju qed jintilfu wara li jkunu ġew imħarsa tajjeb ħafna sa l-aħħar biex wara jiġu mgħarrqa fil-Port il-Kbir, inkella ftit 'il-barra mill-Gżira tagħna.
Għalhekk kien dmir l-ajruplani tar-Royal Air Force f'Malta li jaraw li telfiet kbar bħal dawn ma jissuktawx.
Fis-sajf tas-sena 1942, ir-Royal Air force kienet laħqet l-għan tagħha, u b'qawwa liema bħalha l-ibħra ta' madwar Malta u l-portijiet tagħna ġew relativament imqiegħda fis-sħiħ.
Kien proprju f'dawk iż-żmienijiet li seħħet waħda mill-aktar ġrajjiet glorjużi għal Malta - dik ta'" OHIO" - tanker Amerikan.

"Kien baqagħlna wieħed u għoxrin siegħa biex naslu meta l-vapuri kollha merkantili kienu għadhom ma ġewx mgħarrqa mill-għadu. L-ewwel siegħa għaddejniha b'wiċċ il-ġid, iżda ftit wara nqala' l-inkwiet. Minn fuq "OHIO" rajna żewġ vapuri merkantili jintlaqtu bil-bombi tal-għadu, u x'ħin waslet id-daqqa tagħna, il-qatgħa li ħadna bħallikieku ma ħassejnihiex daqshekk kbira. Dak il-ħin fettilli nitla' qrib il-'bridge' fejn sibt lill-"first mate" li nzerta għassa u ntbaħt li kien għadu ma jaf xejn x'ġara.
Kelli ntaptaptlu fuq spallejh u ngħidlu:
"Sir, taf li ġejna milqutin u għandna ħruq kbir abbord?"
X'ħin inżilna isfel, sibna lill-kaptan tal-vapur, is-Sur Mason, qed igħin mill-aħjar li jista' biex jintefa' n-nar. Kien bniedem tabilħaqq għaqli u l-mod u l-ħeffa li bihom ħadem tana fiduċja sħiħa fih. In-nar ġibuh kważi taħt kontroll meta aktar ajruplani tal-għadu dehru fuq rasna. Il-bombi bdew neżlin minn kull naħa. Vapur ieħor li nzerta quddiemna safa milqut u ħa n-nar kollu kemm hu.
Waqt li bqajna nissieltu kontra n-nar l-inġinier kien qed jieħu ħsieb isewwi l-pajpijiet ta' l- "isteam" li kienu ġarrbu ħsarat. Hawnhekk konna diġa' waqafna u l-kumplament tal-vapuri tal-konvoy baqgħu għaddejin il-quddiem fi triqthom lejn Malta.
H.M.S. ASHANTI, waħda mid-"destroyers" li kienet qed isservi bħala skorta trakkat magħna u riedet tkun taf kif sejrin.
Is-Sur Mason wieġeb lill-Kaptan tagħha li kien ser jagħmel mill-aħjar li jista' biex huwa wkoll jasal Malta qawwi u sħiħ.
Nofs siegħa wara, l-inġinier irrapporta li stajna nimxu u nagħmlu 19 -il "knot" jekk ikun meħtieġ. Din il-bxara ġiet milqugħa tajjeb ħafna minn kulħadd, anzi nistgħu ngħidu mill-ekwipaġġ kollu tal-vapur.
Hekk għaddejna lejl fil-kwiet għalkemm ftit li xejn irqadna minħabba li kellna ngħaddu mill-Istrett ta' Pantellerija u stajna nobsru li hemmhekk niġu attakkati mill-għadu għal darb'oħra. Hekk kif sebaħ rajna l-konvoy. Kienu għal ħabta tas-sitta x'ħin wasalna qrib il-vapuri li kien baqa' minn dan il-konvoy. Fit-8.15 a.m., ajruplani li jġorru l-bombi tal-għadu għamlu attakk ieħor u hawn sibna diffikulta' kbira f'dak li hu manuvrar mal-flotta Ingliża minħabba li t-tmun ta' "OHIO" kien kważi spiċċa għal kollox.
Sar ħbit ieħor mill-ajru fuqna fid-9.35 a.m. li matulu twaddbu bombi u mini tal-baħar.
"OHIO" ġie milqut darbtejn oħra u kien hawn li erġajna waqafna. Ajruplan tat-tip STUKA deherlu li konna qegħdin f'qagħda tajba. Għalhekk kien pront niżel fuqna ħafif daqs sajjetta, iżda minnufih ġie milqut min-nar tal-kanuni tagħna.
L-ajruplan Ġermaniż ikkraxxja lejn il-pruwa tat-tanker u mliena b'ħafna bċejjeċ tiegħu stess.
Hawnhekk ma nistax ma nfaħħarx liċ-Chief Steward" tagħna. Matul dan il-ħbit qalil fuqna beda jaqli l-bajd u l-bejken u jagħmel it-te' għall-membri ta' l-ekwipaġġ. Kien hu stess li beda jwasslilna dawn l-affarijiet ta' l-ikel, minħabba li ħadd ma seta' jiċċaqlaq minn postu u jinżel isfel għall-kolazzjon. Id-dehra tiegħu, jiġri bil-gabarre' f'idejh, ġagħlitna ninsew għal mument il-biża' li konna għaddejin minnu dak il-ħin. Vapur merkantili ieħor kellu jiġi abbandunat tul din il-ħidma kollha. Kellna naraw ukoll il-kumplament tal-konvoy li tiegħu konna niffurmaw parti, jgħib minn taħt għajnejna. Kien baqa' erba' vapuri biss issa.
Li kieku jirnexxielna nidħlu fil-Port irmunkati, konna nkunu ħamsa b'kollox.
Żewġ "destroyers" Ingliżi baqgħu magħna jagħmlulna l-kuraġġ. "Baqa' mitt mil ieħor" beda jgħajjat il-Kaptan ta' waħda mid-"destroyers" li ħadet ħsiebna, mbagħad il-kaptan ipprova jirmunkana.
M'għandniex xi ngħidu, kien sforz qalbieni, iżda aħna konna tqal ħafna u anqas stajna niċċaqilqu minħabba li t-tmun tal-vapur kien tfarrak għal kollox.
Fl-aħħar kellna ninżlu minn fuq "OHIO" u tlajna abbord ta' waħda mid-"destroyers" Ingliżi fejn qgħadna nistennew u nittamaw biex tasal l-għajnuna minn Malta.
Is-sur Mason ma riedx iħalli l-vapur tiegħu, u kien hawn li ddeċidejna li nitilgħu mill-ġdid fuq "OHIO" kemm il-darba tasal l-għajnuna meħtieġa.



*"OHIO", mgħejjun mill-"H.M.S. Penn" u l-"H.M.S. Bramham", riesaq lejn Malta.*



*Id-dħul mirakuluż u storiku ta' "OHIO" fil-Port il-Kbir.*

Wara ftit bdejn nlestu l-ħbula tal-vapuri tar-rmonk bit-tama li nissuktaw bil-vjaġġ tagħna fid-dalma tal-lejl.
L-għajnuna waslet qabel dalam u rġajna tlajna ab-bord ta' "OHIO" biex inħejju l-għodda tal-ġbid jew irmunkar.
Sadattant l-"isteward" approfitta ruħu minn din l-okkażjoni u ħejja xi ftit "sandwiches".
Kien għadu kif wasal bihom fuq il-"bridge" meta tfaċċaw xi ajruplani tal-għadu.
"OHIO" ġie milqut b'żewġ "direct hits" oħra u wieħed mill-kanunieri tilef ħajtu.
L-armar tal-ġbid ġie mqiegħed fis-sħiħ, imbagħad tlajna fuq il-vapuri tal-irmonk u mxejna ftit ieħor il-quddiem, iżda x'ħin beda jidlam, seħħ ħbit ieħor mill-ajru. "OHIO" ġie milqut mill-ġdid. Il-ħbula nqatgħu u aħna qgħadna nduru miegħu l-lejl kollu, inżommu l-għassa għal kontra xi sottomarini, l-istess kif għamilna wara nofs-in-nhar ta' l-istess jum.
X'ħin sebaħ l-għada OHIO kien għadu hemm wieqaf u aktar taħt l-ilma minn qabel.
Żewġ "destroyers" Ingliżi trakkaw magħna, waħda fuq kull naħa u hekk bdejna l-aħħar ċafċifa lejn Malta.
Kien baqgħalna sittin mil biss issa.
Wasalna fil-Gzira 24 siegħa wara."
Din kienet fil-qosor il-ġrajja tat-tanker "OHIO", wieħed mill-vapuri li salvaw lil Malta milli ċċedi ħamsin sena ilu. Kienet ġiet irrakuntata minn "Leading Steward" navali li kien fuq wieħed mill-bastimenti skorta.
Iżda hawnhekk xieraq inkomplu naraw x'ġara wara li wasal "OHIO" fostna. Il-parti li kellhom jagħmlu l-qawwiet ta' l-Ajru ta' Malta proprju f'dan il-konvoy, li kif ħafna jafu ġie mlaqqam il-'Konvoy ta' Santa Marija', kienet dik li tistabilixxi l-qagħda tal-Flotta Taljana b'ritratti ta' tkixxif kif ukol billi jżommu għases bla heda bejn Sqallija u Sardinja bħala prekawzjoni kontra xi sorpriża mill-għadu.
Il-Flotta Taljana ttantat tisgiċċa minn madwar il-ponta tal-Majjistral ta' Sqallija fil-lejl tat-12/13 ta' Awissu, 1942 bil-ħsieb li tattakka l-konvoy mas-sebħ.
Iżda l-għadu sab ruħu mdawwar u maħbut minn ajruplani tat-tip "Wellington". Ftit wara dan kollu, l-istess għadu ħassu nkwetat b'ċertu sinjali li kienu finta, għalkemm b'ilsien ċar fejn taw il-qagħda tiegħu u hekk ordnaw attakk immaġinarju minn ajruplani tat-tip "Liberators" tal-RAF. Forsi minħabba dawn il-kawżi li l-għadu ma baqgħax jattakka aktar u fl-aħħar dawwar denbu biex jeħles mill-"bombers" tal-"Fleet Air Arm" li kienu jġorru "torpedoes", iżda mbagħad sab ruħu quddiem l-għases li kienu qed isiru mis-sottomarini Ingliżi fejn dawn ta' l-aħħar irnexxielhom jittorpitinaw żewġ "cruisers" Taljani.
B'kollox saru 407 "sorties" biex iżommu ħarsien mill-ajru sakemm wasal fir-"range" ta' ajruplani oħra tat-tip "Beaufighters" u "Spitfires". Saru wkoll attakki mill-ajru bil-bombi fuq ajrudromi ta' l-għadu minn "Liberators" bażati f'Malta kif ukoll minn oħrajn tal-"United States Army Air Force" li kienu stazzjonati fil-Lvant Nofsani.
Dawk insejħa "fighter patrols" - jiġifieri għases minn ajruplani tat-taqbid ma qatgħu xejn waqt il-ħatt ta' l-oġġetti minn fuq il-vapuri merkantili, iżda b'danakollu, l-għadu xorta waħda ttanta jerġa' jaħbat għal dawn il-vapuri, għalkemm dan għamluh b'nofs qalb. Ħadu sehem f'dawn l-attakki ajruplani tat-tip "Junkers 88" iżda li "Spitfires", magħrufa għal ħeffa fenominali li kellhom kienu pronti jkeċċuhom minn fuq il-Gżira.
L-ekwipaġġi tal-vapuri li waslu fostna ġew milqugħa u ffestiġġjati.
Għalkemm milqut aktar minn darba"OHIO" daħal fil-Port il-Kbir u sorġa ma Parlatorio Wharf fejn il-lum hemm ir-"Red China Dock", u dan fost il-ferħ tal-Maltin assedjati minn għadu bla qalb.
Il-ħames vapuri li waslu Malta kienu dawn:
"PORT CHALMERS, BRISBANE STAR, MELBOURNE STAR, ROCHESTER CASTLE U OHIO".
Il-konvoy kien jikkonsisti f'14- il-vapur merkantili. Dawk li waslu ġabu tagħbija ta' 55,000 tunellata bejn provisti u fuel, li mingħajrhom Malta kien ikollha ċċedi fi żmien xahar.
Ta' min igħid ukol li kieku operazzjoni "PEDESTAL" jew il-Konvoy ta' Santa Marija falla,
"there would have been no time, let alone ships to mount another attempt".
Kellha tkun il-Madonna li, bit-talb li sarilha mill-Maltin kollha biex għzirithom tistejqer mill-ġuħ u ħruxija ta' l-attakki mill-ajru, l-vapuri li waslu, fosthom OHIO, l-aktar wieħed importanti, taw xhieda ta' kemm l-Ingliżi, wara kollox, u b'mod speċjali Winston Churchill, dak iż-żmien Prim Ministru ta' l-Ingilterra, għamlu minn kollox biex il-Maltin jiġu mħarsa.
Operazzjoni PEDESTAL swiet lill-Flotta Ingliża t-telfa ta' :
"aircraft-carrier", żewġ"cruisers","destroyer "u għall-Flotta Merkantili disa' vapuri.
Lord Lewin Terence, "Admiral of the Fleet" Ingliż, KG; GCB; LVO; DSC qal hekk dwar dan il-konvoy:
" Hopefully, a tradition has now been established and each year on August 15, the Feast of Santa Marija and a Maltese National Holiday, will see a fitting tribute paid to all who gave their lives to save Malta...."
Mhux ta' b'xejn li din is-sena 1992, f'eghluq il-50 sena mill-Għoti tal-"George Cross" lil Gżira rebbieħa mir-Re Ġorġ VI ta' l-Ingilterra, il-Maltin kellhom jiċċelebraw ukoll dan l-Anniversarju kbir - dak tal-Konvoy ta' Santa Marija.

Joe Galea
B'Buġia
12 ta' Marzu, 1992

# Għal Ħajja Aktar Faċli




Żgħira u maniġġjabbli. Tgħinek tgħix ħajja aħjar u b'aktar konfort. Għandha potenzjal kbir u faċli tużaha. Illum qed jużaha kulħadd u b'danakollu mhix ħlief biċċa plastik.

*DIN HI L-CASHLINK CARD.*

Int tista' tużaha f'kull ATM 'Automated Teller Machine' f'Malta u Għawdex u tkun tista':

- Tiġbed sa Lm 100 kuljum
- Tiddepożita flus u/jew ċekkijiet lokali fil-kontijiet tiegħek Kurrenti u/jew Savings
- Titrasferixxi flus minn kont għal ieħor sa Lm 2000 kuljum
- Tħallas kontijiet billi tawtorizza lill-Bank jiddebitalek il-kont tiegħek
- Titlob u tingħata mini-statement dak il-ħin
- Tiċċekkja l-bilanċ f'kull wieħed mill-kontijiet tiegħek
- Titlob kotba ta' depożiti/ċekkijiet u statements

*Il-Cashlink tiffrankalek il-ħin,* iżżidlek fil-konvenjenza, iżżomlok il-Bank of Valletta miftuħ għalik 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa. Fuq kollox tagħtik servizz bankarju ta' l-aqwa kwalita'.

Mela uża l-Cashlink Card aħjar jew jekk m'għandikx din il-Card, mur issa applika għaliha minn waħda mill-fergħat tal-Bank of Valletta mxerrdin ma' Malta u Għawdex

Isem

Indirizz

Kodiċi Postali

Telefon

Cashlink

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ibgħat il-kupun li hawn f'dan l-avviż lil
The Marketing Manager, Bank of Valletta,
2nd Floor, BOV Centre, High Street, Sliema SLM 16.

Bank of Valletta

*L-Aqwa Bank f'Malta*

# FESTA TA' SANTA MARIJA - 1991
# RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

**DĦUL:**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | 00.30.0 |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | 826.00.0 |
| Ġabra speċjali fil-knisja | 196.00.0 |
| | Lm1022.30 |

**ĦRUĠ:**

| | |
|---|---|
| Personell barrani | 108.00.0 |
| Orkestra/Organista/Vuċijiet | 651.00.0 |
| Daqq ta' qniepen/standarti/Anterni/Salib | 35.00.0 |
| Dawl-faċċata tal-knisja/kampnar/koppla | 300.00.0 |
| Fjuri | 25.50.0 |
| Trasport | 45.00.0 |
| | Lm1164.50.0 |

| | |
|---|---|
| **DĦUL** | Lm 1022.30.0 |
| **ĦRUĠ** | Lm 1164.50.0 |
| **ŻBILANĊ** | Lm 142.20.0 |


# E. CATANIA
# WOOD CARVING

**Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura**

***MORRU GĦAND***
***MANWEL CATANIA***

| SHOWROOM | WORKSHOP |
|---|---|
| "Odyssey" | Odssey Garage |
| Bronja Street | Alexander Street |
| Żurrieq | Żurrieq |

*Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.*
*Tel: 682137*


mangion brothers żurrieq LTD.
BUILDING CONSTRUCTION,
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590


J C DISPLAYS
ZABBAR ROAD FGURA
( OPP TIP-TOP )
TEL: 816843
SCREEN PRINTING ON T-SHIRTS, FABRICS, PLASTICS,
JEANS, LABELS, SOUVENIRS, FELT & RUBBER PRINT

# IL-"CONVOY"

**N.B. B'dawn il-versi rrid infakkar il-miġja tal-"Convoy" hekk imsejjaħ ta' Santa Marija tal-15 ta' Awissu, 1942. Dan kien veru rigal tal-Madonna lill-poplu Malti u Għawdxi u turija ta' mħabba lejna mis-sema f'dawk il-ġranet diffiċli u ta' qtigħ il-qalb.**

Kemm setgħana għamlek Alla,
Donnu aktar ma setax.
Lilek għamlek ir-Reġina,
Kemm tas-sema u ta' l-art.

Min qatt resaq u lilek talab,
U minn għandek ma qalax?
Kemm għar-ruħ u wkoll għall-ġisem,
Għal kull ġid ta' dina l-art.

Aħna lejk aħna wisq grata,
Waqaft magħna ma' kull żmien.
Mit-tbatija Inti ħriġtna,
Qawwijin u rebbiħin.

Bil-ġuħ konna qed immutu,
Fl-aħħar gwerra li għaddiet.
Imma inti ftakart fina,
Minn ġo l-għola tas-smewwiet.

Inti bgħattilna l-vapuri,
Mgħobbijin b'dak li jinħtieġ.
Dawna daħlu fil-port tagħna,
Imheddin minn kull tiġrib.

X'ferħ u tama tnisslet f'qalbu,
Il-ġens kollu tal-Maltin.
X'ħin il-"Convoy" t'Awissu,
Il-vapuri raw deħlin.

Din il-ġrajja għadha mniżżla,
Fil-qlub kollha tal-Maltin.
Bosta għadhom jiftakruha,
Allavolja tgerrbu snin.

Ejjew nuru gratitudni,
U imħabba lejn din l-Omm.
Inwegħduha b'qalbna kollha,
Li ġo qalbna jkollHa t-Tron.

**Emanuel Buttiġieġ,**
**14 ta' Awissu 1984.**

JULIO & CHARLIE SACCO
QRENDI ROAD, MQABBA
Tel: 683129
JAWGURAW
IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD
U JFAKKRU LI HUMA JAGHMLU
Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja
PREZZIJIET MODERATI

# MILL-ISTORJA TAR-RAĦAL TAGĦNA

(Tagħrif ġenerali miġbur minn korrispondent)




***Il-lapida biex tfakkar il-vittmi Mqabbin tat-tieni gwerra dinjija. Din saret fi żmien il-W.R. Kappillan Dun Anton Vella.***

L-Imqabba hu raħal li minħabba l-pożizzjoni tiegħu qrib l-ajrudrom, qala' xebgħa balal ta' l-għadu tul it-tieni gwerra dinjija. Minn fost il-ġranet imdemmija u kiefra ta' din il-gwerra, id-9 t' April ta' 50 sena ilu kienet fost l-agħar għall-poplu Mqabbi. Din il-ġurnata traġika għadha mmarkata mhux biss fil-ġebel imtajjar tal-ġenb tal-knisja parrokkjali, iżda aktar w'aktar fi qlub missirijietna u l-anzjani tagħna.

Kien propju f'din il-ġurnata meta l-knisja tar-raħal tagħna ġarrbet ħsarat kbar minn bombi tal-gwerra. Inqerrdu bosta affarijiet fil-knisja, fosthom il-koppla, il-kappellun tal-kor u dak ta' l-Agunija, l-Artal Maġġur u ħafna mill-affarijiet ta' tiżjin tal-knisja fil-jiem tal-festi. Numru konsiderevoli ta' djar ukoll ġew imġarrfa u miknusa mill-bombi ta' l-għadu, u waqt din id-dagħdija tal-mewt, ħallew ħajjithom tlett Imqabbin mill-familja Busuttil, żewġt aħwa bniet u l-omm. Lil dawn, kif ukoll lil 14- il-vittma l-oħra ta' din il-gwerra ħarxa u bla sens, ser issirilhom quddiesa b'sufraġju għal ruħhom, nhar it-Tnejn, 10 t' Awissu, fis-6.30 p.m. Wara, jkun hemm ċeremonja ta' tifkira madwar il-monument tal-gwerra, li jinstab mal-ġenb tal-knisja, bit-tqegħid ta' kuruni mill-membri tas-Soċjeta'. Intant fl-istess "air raid", iġġarrfet ukoll l-istatwa fil-ġebla ta' Santa Marija, li kienet tinstab fil-pjazza, fil-post fejn hemm statwa simili li wieħed jista' jara llum. Mill-istatwa oriġinali, is-Soċjeta' tagħna tinsab fil-pussess ta' ras il-Madonna, ġentilment mgħoddija lilna mill-familja Camilleri, u li r-ritratt tagħha qed jidher għall-ewwel darba ma dan l-artiklu. Barra minn hekk, tlabt lid-direzzjoni biex jerġa' jiġi ppublikat ir-ritratt antik ta' qabel il-gwerra, li deher għall-ewwel darba s-sena l-oħra, fejn barra milli juri kif kienet il-knisja u l-pjazza "in generali", jindika b'mod ċar u jikkonferma li l-istatwa ta' l-Assunta tal-pjazza dejjem kienet u baqgħet fl-istess post fejn hi llum. Tnejn u tletin sena ilu l-iskultur Marco Montebello ( l-istess wieħed li 40 sena ilu ħadem l-Istatwa l-oħra ta' l-Assunta ta' fuq il-każin, kif ukoll l-arma tan-nofs fuq il-faċċata ta' l-istess każin ) ġie avviċinat mis-Sur Spiridione Schembri biex jerġa jagħmel statwa ta' l-Assunta. Għaldaqstant, il-moħħ wara din l-opra ferm artistika kien dan il-benefattur ħabrieki illi, għas-spejjes tiegħu, tħabat kemm felaħ biex saret, tlestiet u ġiet imtellgħa f'postha, nhar it-2 ta' Ġunju, 1960. Kienet ġurnata sabiħa għall-poplu Mqabbi li reġa' ra l-Istatwa tal-Patruna titqiegħed mill-ġdid f'postha. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġerald Manġion berikha, filwaqt li l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi Maltin taw Indulġenza parzjali lil kull minn jgħid "Salve Reġina" quddiem din ix-xbieha.



Ritratt antik u storiku tal-knisja u l-pjazza ta' l-Imqabba, qabel il-gwerra.



Il-bomba ta' l-għadu qerdet għal kollox l-istatwa ta' l-Assunta, għajr għal rasha li baqgħet miżmuma b'għożża mill-familja Camilleri u llum tinstab il-każin.



L-istatwa ta' l-Assunta li saret fl-istess post mill-benefattur is-Sur Spiridione Schembri fl-1960.

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering




# FOR ALL YOUR PHOTOGRAPHIC NEEDS

## ARIANE PHOTOGRAPHIC

developing and printing - instant passport photos - studio photos
Bookings for all occasions
Films - batteries - cameras - binoculars - flashes - radios -
audio and video cassettes - calculators - albums - frames - soft toys
Invitations and Souvenirs for all occasions

***Triq Karmenu Ciantar - Mqabba - Tel: 689785***

# SERVIZZI TAL-BANDA RE ĠORĠ V GĦAS-SENA 1992

| DATA | OKKAŻJONI | LOKAL |
| --- | --- | --- |
| 3 t'April | "Recording" | Paola |
| 13 ta' Ġunju | San Filep | Żebbuġ |
| 28 ta' Ġunju | San Nikola | Siġġiewi |
| 30 ta' Lulju | Programm Strumentali | Mqabba |
| 9 t'Awissu | Santa Marija | Mqabba |
| 13 t'Awissu | Santa Marija | Mqabba |
| 15 t'Awissu | Santa Marija | Mqabba |

R. CAMILLERI MARBLES

*Xogħol ta' Irħam, Granit u Reżin,*
*Turġien, Pavimenti, Faċċati, Fireplaces, Monumenti, Skirting eċċ.*

*GHAL KWALITÀ TA' XOGHOL BI PREZZIJIET MODERATI*

*Irrikorru:*
*R. Camilleri Marbles Ltd.*
*Valletta Road, Zurrieq*

*Hin: 7.00 a.m. - 6.30 p.m.*
*Tel: 827841*

# TIFKIRIET

Dħaħen, twerdin ta' isqra,
maħduma mill-qilla u l-għira.

"X'intom tistennew ħuti, mitluqin
f'din is-sura tal-mewt? Bil-ġuħ
se nintemmu. Ejjew nagħtu ruħna
f'idejn il-barranin....kollu għalxejn."

Kliemi ma tawhx widen,
b'dak iż-żibeġ f'idejhom talbu
lill-Omm ħelwa:

"Imtlew l-oqbra biż-żagħżagħ,
id-djar għoddhom imġarrfa;
Verġni, li ġġib fuq driegħek
il-Ħniena liema bħalha.

Ħares kemm hemm, kemm niket
ġie fuqna għall-għarrieda,
jibku l-aħwa lill-aħwa,
l-omm tibki lil uliedha."

"Tgħid jasal Ohio? Ma naħsibx.
Dawn l-isqra ġarrfuh! In-Nażi
bla ħniena! Mason qed jagħmel
dak li jista'! Ohio għandu ħruq kbir."

L-isqof Gonzi daħal f'kamartu
u talab bil-ħerqa:
"Verġni li tista' kollox,
ħenn għalina, nafu....dnibna....nibku ż-żmien."

15 t'Awissu 1942!
"Wasalna sa fl-aħħar!" għajtu ta' l-ekwipaġġ.
Missirijietna ferħu....niżżlu l-provvisti,
stejqru mill-ġuħ.
"Din ġrajja glorjuża!" qalu.

Għaddew ħamsin sena.
In-nies tinġabar quddiem
ix-xbieha ta' l-Assunta u tgħidilha
bid-dmugħ f'għajnejha:

"Ixħet fuqna, O Ħanina,
Il-mant tiegħek ta' Reġina;
Minn dnubietna eħlisna."

**12 ta' Mejju 1992, ALFRED CAMILLERI.**
***Din il-poeżija nkitbet f'egħluq il-ħamsin sena mill-wasla tal-Konvoy ta' Santa Marija fostna l-Maltin.**


## MQABBA MINI-MARKET

(Il-Markis)

**St. Catherine Street, Mqabba**

***Nixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Klijenti Kollha***


HOPLEAF
PALE ALE
SIMONDS FARSONS CISK LTD
HOPLEAF
PALE ALE
Reach out for a
HOPLEAF PALE ALE





**SALA ARMONICA**

For Receptions, Parties
and other occasions

**Qrendi By Pass,**
**Qrendi**
**Tel: 822320**

**ALESSIO STATIONERY**
**VIDEO RENTALS AND PHOTOCOPY SERVICE**

**Cards, Haberdashery, Cassettes, Films, Videos, Indoor Plants, Souveniers, Toys, Gifts and All Kinds of Household goods – equipped for any occasion.**

**117 Parish Street, Mqabba**
**Tel: 683292**

***Business Hours:***

| | |
|---|---|
| Monday to Friday | 8.00a.m. to 12.00p.m. |
| | 4.00p.m. to 8.00p.m. |
| Sunday and Public Holidays | 8.00a.m. to 12.00p.m. |

SOUTHERN CONSTRUCTION
CO. LTD.

*Civil & Building Contractors, Mqabba*

Tel: 683119, 683369

Telecell: 0997328 / 0997349

# IŻ-ŻJARA TAR-"RED ARROWS" F'MALTA.



## PRESS RELEASE FOR THE KING GEORGE Vth BAND CLUB:

As part of the Santa Marija, George Cross 50th. Anniversary celebrations, the Royal Air Force's Airobatic team, the RED ARROWS based at Scampton, Lincoln will be visiting Malta from the 11th.- 14th.August, for two displays.
This world famous team will be performing two shows for the public over Marsamxett Creek at around 6 p.m. on the 12-13th. August.
A programme of events to coincide with the team's visit is being prepared, with the possible visit by members of the team to Mqabba for a special reception.

Steve.

**LETTER A**

**Stationery**
**Triq il-Kileb, Mqabba**
**for**
***Video Rentals, Stationery, Haberdashery, Cards, Toys eċċ.***

**S.L. IMP. & EXP. LTD.**

**J. Sciberras**

Timber & Plywood Importers
D.I.Y., Electrical & Plumbing, Building Materials, Tools
Wilga Stores, Wilga Street, Luqa
Tel:690685

# FILIPPO VENUTI ARTIST TALJAN F'MALTA

Tagħrif storiku miġbur minn Keith Sciberras



Fl-aħħar snin tas-seklu dsatax l-artisti Maltin, li għal bosta snin wara t-tluq tal-kavallieri ħadmu mingħajr il-preżenza ta' artisti barranin ta' kalibru fi gżirtina, reġgħu bdew jiffaċċjaw ruħhom ma' numru ta' artisti, l-iktar Taljani, li ġew attirati lejn Malta bi prospetti sbieħ ta' xogħol. Il-kummissjonijiet li ħadu dawn l-artisti, fosthom Domenico Bruschi, Pietro Gagliardi, Francesco Grandi u iktar tard Attilio Palombi, Filippo Venuti u Virgilio Monti, kienu tassew prestiġġjużi, bil-ħlas rispettiv għal xogħolhom ferm aktar għoli minn dak tal-Maltin. Għalhekk il-kritika lejhom ma naqsitx, speċjalment meta wieħed iqis li madwar l-1880 l-artisti Maltin Giuseppe Cali` u Lazzaro Pisani bdew jaħdmu l-ewwel kummissjonijiet tagħhom. Referenza żgħira għall-artiklu li deher fil-gazzetta MALTA tas-16 / III/ 1888 turi l-estremita' ta' din il-kritika negattiva:

***"Il pane casalingo che e pane di buffetto noi lo diamo ai cani, e ci affamiamo a procacciarci il pane inferigno altrui. E i nostri scienziati e i nostri artisti muoiono di fame e pochi ciarlattoni e pochi imbrattiattori di tele o rompitori di pietra stragnieri fanno fortuna alle nostre spalle e.... si ridono di noi sotto i baffi di santa ragione".***

Filippo Venuti, artist kompetenti iżda ekklettiku, ħadem fuq kummissjonijiet kemm ekklesjastiċi kif ukoll privati. Għandu xogħlijiet fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara u fil-knisja ta' Lapsi, San Ġiljan, iżda l-aħjar rappreżentazzjoni ta' l-arti tiegħu huwa żgur il-kwadru ta' l-ASSUNTA li, impitter fl-1896, jinsab imwaħħal fuq l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. (Ara ritratt fil-paġna biswit)

Ikonografikament tradizzjonali, u ċertament influwenzat mill-kwadru tal-Gudja, il-Madonna tieħu poża trijonfali hekk kif hi tegħleb il-forza tal-gravita' u fl-akkumpanjament ta' anġli u puttini titla' b'idha miftuħa lejn il-ġenna. Il-figura lirika tal-Madonna tieħu post ċentrali u tiddomina kompożizzjoni mżewwqa b'figuri dinamiċi, ilwien brillanti u sensittivita' pittorika qawwija. Bil-wieqaf fuq sħaba bajda hija megħjuna minn żewġ anġli tassew eleganti u aristokratiċi. Wieħed minnhom iżomm f'idu sejf tan-nar biex jipproteġi r-reliġjon kontra d-dnub waqt li żewġ anġli oħra, jdoqqu l-arpa biex jikkumplimentaw lil sħabhom u joħolqu kompożizzjoni piramidali li tilħaq il-quċċata tagħha fid-dawl brillanti li jiddi minn ras il-Madonna. Hawnhekk Venuti jaċċentwa l-pożizzjoni ta' idejha billi jpitter nofs tond imżewwaq bl-istillel biex jisseparaw is-sħab mill-ġenna.

It-toni mużikali li ħerġin huma riflessi fiż-żifna allegra u varjata' illi biha numru ta' puttini taħt il-figuri ċentrali joħolqu poeżija lirika li tinsab f'armonija perfetta ma' l-isħab imdawwal li jdawwarhom. Dan l-isħab jimla l-bqija ta' l-ispazju pittoriku ħlief għall-parti t'isfel tal-kwadru fejn, fin-naħa tal-lemin, l-appostli jduru mal-qabar miftuħ tal-Madonna u b'għaġeb kbir iħarsu lejn l-istess viżjoni li qegħdin naraw aħna bħala spettaturi. Fuq in-naħa tax-xellug pajsaġġ kwiet u limpidu joħloq kuntrast qawwi ma' l-aġġitazzjoni fin-naħa ta' fuq tal-kwadru. Il-kwadru tħallas mis-saċerdot Dun Salv Schembri.

Fl-1897 Venuti, wara s-suċċess li kiseb bit-titular, beda x-xogħol fil-koppla u l-lunetti. Sfortunatament il-pittura tal-koppla li kienet tirrappreżenta l-Inkorunazzjoni tal-Verġni Mqaddsa mit-Tliet Persuni Divini, kif ukoll tlieta mill-evanġelisti ġġarrfu għal kollox. Għalhekk milli naraw illum San Luqa biss huwa ta' Venuti. L-oħrajn ġew impittrin mill-artist Malti Aldo Micallef Grimaud.

**Biblijografija**


- M. Buhaġiar,
The Iconography of the Maltese Islands (1100-1900) Malta, 1988.

- K. Sciberras,
Lazzaro Pisani as an Ecclesiastical Artist, Malta, 1992.

- L. Żammit,
Descrizioni Storica tal-Cnisja Parrochiali tal-Imkabba, Malta, 1927.



**Jekk għandek bżonn INSURANCE għall-karozza, dar, ħanut, safar**
**JEW**
**Jekk waslet biex tagħlaqlek l-INSURANCE li diġà għandek**
**JEW**
**għall-ħlas tal-liċenzji**

*tista' tinqeda għand:*
**JOE BELLIZZI**
**Insurance Agent – Zurrieq**
**"El Paradiso", Triq Matteolo Saliba,**
**Żurrieq**
**Tel: 824519**

(Bieb ma' bieb ma' Baldacchino Woodworks)

# RINGRAZZJAMENT

***IL-KUMITAT EZEKUTTIV JIXTIEQ JIRRINGRAZZJA:***

** Lis-Surmast u l-bandisti tal-post kollha tas-sehem li jagħtu matul is-sena.*

** Lis-Soċji talli dejjem ikunu puntwali fil-menswalita' u nappellaw ukoll sabiex soċji oħrajn ikunu puntwali huma wkoll.*

** Lid-dilettanti tan-nar kollha li b'sogru kbir għal ħajjithom, dejjem jistinkaw biex iżommu l-ogħla livell ta' spet takli.*

** Lill-Fergħa tan-Nisa tas-Soċjeta' , li jieħdu ħsieb jiġbru l-fondi u jorganiżżaw ħafna attivitajiet soċjali matul is-sena.*

** Lill- grupp ta' l-armar li taħt it-tmexxija għaqlija tas-Sur Paul Gauċi, jaħdmu bla heda u jikkoordinaw ix-xogħol fuq l-armar.*

** Lill-ex-Kappillan Dun Willie Vella u lill-Kappillan il-ġdid Dun Joe Bartolo tal-koperazzjoni tagħhom.*

** Lill-kumplament tal-Kleru tal-parroċċa li ,flimkien ma nies volontarji oħra, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il- knisja, kif ukoll it-tmexxija tal-funzjonijiet liturġiċi matul il-festa titulari ta' Santa Marija.*

** Lill-Benefatturi, soċji u partitarji kollha ta' l-appoġġ li dejjem jagħtuna.*

** U fl-aħħar, iżda mhux l-anqas lil kull min b'xi mod jew ieħor għen sabiex dan il-programm ġie stampat, speċjalment lil artikolisti u 'l dawk li għoġobhom jirreklamaw. Lill-qarrejja, nħeġġuhom jixtru l-prodotti u jinqdew bis-servizzi irreklamati f'dan il-ktejjeb.*


**ĠILJU BARBARA**



*Crane Hire for all kinds of work*

114 Parish Street,
Mqabba

Tel: 685735 - 680986

**FRIZOLL**

MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT
**PAOLA HILL**
**PAOLA**

**FOR ESTIMATES & MAINTENANCE PHONE: 806866/824388**


DENFAR
DENFAR


DENFAR
DENFAR
STEETLEY
Birse
Birse
DENFAR
DENFAR




*Min jaf, jixrob Löwenbräu*